A.L. 311 ta' l-2006

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 356)

Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 6, 9, 10(2), 11 u 23 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u l-artikolu 60 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.

(2) Parti VII ta' dawn ir-regolamenti għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

(3) Avviż magħmul taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li jkunu jidhru lill-Ministru meħtieġa jew spedjenti in konnessjoni mad-disposizzjonijiet li jkunu qegħdin jingħiebu fis-seħħ.

Għanijiet.

2. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jgħinu biex tiġi żgurata il-biodiversità fit-territorji ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea billi jiġu kkonservati l-ambjenti naturali u l-fawna u l-flora selvaġġi tal-gżejjer Maltin.

(2) Miżuri meħuda taħt dawn ir-regolamenti għandhom ikunu b'mod illi jżommu u jirrestawraw fi stat favorevoli ta' konservazzjoni, ambjenti naturali u speċi ta' fawna u flora selvaġġi ta' interess Komunitarju, u għandhom jieħdu in konsiderazzjoni ħtiġijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, kif ukoll karatteristiċi reġjonali u lokali.

(3) Dawn ir-regolamenti jipprovdu dawk il-provvedimenti meħtieġa biex Malta timplimenta dan li ġej:

(a) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-Konservazzjoni ta' Ambjenti Naturali u ta' Fawna u Flora Selvaġġi,

(b) Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi,

(c) Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bioloġika,

(d) Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali ta' l-Ewropa,

(e) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni ta' Speċi ta' Annimali Selvaġġi tal-Passa, u

(f) Il-Protokoll dwar Żoni ta' Ħarsien Speċjali u d-Diversità Bioloġika fil-Mediterran tal-Konvenzjoni ta' Barellona u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda ma' dawn l-istrumenti legali.

PART I

TIFSIRIET

Tifsir.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"ambjenti naturali" tfisser żoni fuq l-art jew fuq il-baħar li huma distinti minn fatturi ġeografiċi, abiotiċi u biotiċi, sew jekk dawn ikunu naturali, kompletament jew in parti;

"ambjenti naturali ta' speċi" tfisser ambjent definit minn fatturi abiotiċi u biotiċi, fejn l-ispeċi tgħix fi kwalunkwè stadju taċ-ċiklu bioloġiku tagħha;

"barrani" tfisser organiżmu mhux indiġenu li qatt ma kien indiġenu f'Malta, jew li ġie introdott f'Malta f'dawn l-aħħar ħames mitt sena;

Kap. 435.

"l-Att" tfisser l-Att Dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp" tfisser l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

"deliberat" tfisser azzjoni meħuda minn persuna li raġonevolment għandha tkun taf, minħabba esperjenza ġenerali, li l-azzjoni tagħha x'aktarx ser tissarraf f'reat kontra l-ispeċi, iżda li jkun irid jagħmel dik l-azzjoni jew konsapevolment jaċċetta ir-riżultat ta' l-azzjoni tiegħu, anke jekk din ma tkunx intenzjonata;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-protezzjoni ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorità Kompetenti, jew rappreżentant tiegħu;

"endemika" tfisser dawk l-ispeċi li jinsabu f'Malta u li huma jew speċi ta' importanza bio-ġeografika jew li huma speċi li ż-żona ta' distribuzzjoni indiġena tagħhom hija limitata għal Malta jew għar-reġjun tal-Mediterran Ċentrali. Ir-Reġjun tal-Mediterran Ċentrali jinkludi Sqallija inklużi l-gżejjer ta' madwarha (li jinkludu Pantelleria u l-Gżejjer Pelaġji), il-gżejjer Maltin, u l-gżejjer ta' madwar it-Tuneżija. Dawn l-ispeċi endemiċi jinkludu wkoll dawk l-ispeċi li jistgħu jkunu endemiċi li l-istat jew l-identità tassonomika tagħhom teħtieġ aktar analiżi;

"eżemplari" tfisser kull annimal jew pjanta, fi kwalunkwè stadju tal-ħajja, elenkata fl-Iskedi V, VI, VII u VIIII ta' dawn ir-regolamenti, kemm ħaj kemm mejjet, kemm sħiħ kemm parti minnu, kemm fil-forma oriġinali kemm wara proċess ta' trasformazzjoni, u tinkludi kwalunkwè kostruzzjoni magħmula minnhom. Jinkludi kull parti jew tnissil minnu, kif ukoll kull merkanzija li jkun hemm magħha, minn xi dokument li jkun juri l-ippakkjar jew xi marka jew tikketta, jew minn kull ċirkostanza oħra, li jkunu partijiet jew tnissil minn annimali jew pjanti ta' dawk l-ispeċi;

"l-istat ta' konservazzjoni ta' ambjent naturali" tfisser it-totalità ta' dak kollu li jaffettwa l-ambjent naturali u l-ispeċi tipiċi tiegħu, u li jista' jaffettwa d-distribuzzjoni naturali fit-tul ta' l-istess ambjent naturali, kif ukoll l-istruttura u l-funzjonijiet u s-sopravvivenza fit-tul ta' l-ispeċi tipiċi tiegħu fit-territorju msemmi fir-regolament 2(1). L-istat ta' konservazzjoni ta' ambjenti naturali għandu jittieħed bħala "favorevoli" meta:–

il-medda naturali u l-area tiegħu hija stabbli jew li tkun qed tiżdied, u -

l-istruttura u l-funzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-manteniment fit-tul tiegħu jeżistu u x'aktarx li jkunu ser ikomplu jeżistu fil-futur qarib, u -

l-istat ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi tipiċi tagħħom ikun favorevoli kif definit fl-interpretazzjoni ta' 'stat ta' konservazzjoni ta' speċi';

"l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi" tfisser it-totalità ta' dak kollu li jaffettwa l-ispeċi konċernati u li jista' jaffettwa d-distribuzzjoni u l-abbundanza fit-tul ta' l-istess speċi fit-territorju msemmi fir-regolament 2(1). L-istat ta' konservazzjoni għandu jittieħed bħala "favorevoli" meta:–

l-informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-popolazzjoni ta' l-ispeċi konċernata jindikaw illi l-istess speċi jkun qed jirnexxilha tibqa' komponent vijabbli fi ħdan l-ambjent naturali tagħha fit-tul, u –

l-medda naturali ta' l-ispeċi la tkun qed tonqos lanqas x'aktarx li tonqos fil-futur immedjat, u hemm u probabilment ser ikompli jkun hemm ambjent naturali kbir biżżejjed biex imantni l-popolazzjoniji ta' l-ispeċi konċernati fit-tul;

"l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi tal-passa" tfisser it-totalità ta' dak kollu li jaffettwa l-ispeċi tal-passa u li jista' jaffettwa d-distribuzzjoni u l-abbundanza fit-tul ta' l-istess speċi;

"konservazzjoni" tfisser numru ta' miżuri meħtieġa biex iżommu jew jirrestawraw l-ambjenti naturali u l-popolazzjonijiet ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi fi stat favorevoli kif speċifikat fid-definizzjoni ta' "l-istat ta' konservazzjoni favorevoli ta' ambjent naturali" u "l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi";

"konservazzjoni *ex situ*" tfisser konservazzjoni ta' komponenti ta' diversità bioloġika l-barra mill-ambjent naturali tagħhom;

"konservazzjoni *in situ*" tfisser il-konservazzjoni ta' ekosistemi u ambjenti naturali kif ukoll il-manteniment u l-irkupru ta' popolazzjonijiet vijabbli ta' speċi fil-madwar naturali tagħhom, u fil-każ ta' speċi kultivati jew domestikati, fil-madwar ta' fejn l-istess speċi jkunu żviluppaw il-proprjetajiet distintivi tagħhom;

"kundizzjonijiet *in situ*" tfisser kundizzjonijiet fejn riżorsi ġenetiċi jkunu jeżistu fi ħdan ekosistemi u ambjenti naturali, u fil-każ ta' speċi kultivati jew domestikati, fil-madwar ta' fejn l-istess speċi jkunu żviluppaw il-proprjetatijiet distintivi tagħhom;

"materjal ġenetiku" tfisser kull materjal fi pjanta, annimal, li tkun mikrobu jew ta' kwalunkwè oriġini oħra li għandu elementi funzjonali ta' eredità;

"mhedda" jew "taħt theddida" tfisser speċi li tinsab fil-periklu ta' estinzjoni u li s-sopravvivenza tagħha hija mhedda jekk jibqgħu jeżistu l-istess ċirkostanzi. Fost dawn insibu speċi li l-popolazzjoni tagħhom naqset drastikament għal livelli kritiċi, jew speċi li raw tnaqqis drastiku fl-ambjent tagħhom;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ambjent;

"in-*network* ekoloġiku Pan-Ewropew" tfisser *network* ekoloġiku koerenti ewro-mediterran ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni, u fost l-oħrajn jinkludi n-*network* ekoloġiku nazzjonali, l-*Emerald Network* stabbilit skond il-provvedimenti tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali ta' l-Ewropa, il-lista ta' żoni protetti b'mod speċjali u li huma ta' interess għall-Mediterran stabbilita skond il-provvedimenti tal-Protokoll dwar Żoni ta' Ħarsien Speċjali u d-Diversità Bioloġika fil-Mediterran, kif ukoll in-*Network* Natura 2000;

"Ordni Ġenerali ta' l-Iżvilupp" tfisser ordni maħruġa taħt l-Ordni ta' l-1997 dwar Żvilupp Ġenerali;

"Ordni ta' Notifikazzjoni ta' l-Iżvilupp" tfisser ordni maħruġa taħt l-Ordni ta' l-2001 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp;

"il-pajjiż li jipprovdi riżorsi ġenetiċi" tfisser il-pajjiż li jissupplixxi riżorsi ġenetiċi miġbura min sorsi *in situ*, inkluż popolazzjonijiet ta' speċi kemm selvaġġi kif ukoll domestikati, jew li jkunu ttieħdu minn sorsi *in situ*, irrispettivament jekk ikunux oriġinaw f'dak il-pajjiż jew le;

"il-pajjiż ta' l-oriġini ta' riżorsi ġenetiċi" tfisser il-pajjiż li jippossjedi dawk ir-riżorsi ġenetiċi f'kundizzjonijiet *in situ*;

"permess" ifisser permess maħruġ skond il-provvedimenti ta'dawn ir-regolamenti;

"rari" tfisser speċi b'popolazzjoni żgħira, li minkejja li attwalment m'humiex mhedda jew vulnerabbli, ikun hemm riskju li jkunu. Dawn jinkludu dawk l-ispeċi li jinsabu f'żoni ġeografikament ristretti kif ukoll dawk l-ispeċi li huma mxerrda f'irqajja fuq medda iżjed vasta;

"regolamenti relatati" tinkludi l-Att ta' l-1988 dwar ir-Riserva Naturali ta' Filfla, ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar ir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral (*Fungus Rock*), ir- Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Ħarsien tar-Rettili, ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar ir-Riserva Naturali tal-Gżejjer Selmunett (Gżejjer ta' San Pawl), ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar, ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar, u r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, kif ukoll kull leġislazzjoni oħra relatata;

Kap. 323.
A.L. 22 ta' l-1992.
A.L. 76 ta' l-1992.
A.L. 25 ta' l-1993.
A.L. 12 ta' l-2001.
A.L. 203 ta' l-2003.
A.L. 79 ta' l-2006.

"re-introduzzjoni" jew "tintroduċi mill-ġdid" tfisser ir-rilaxx intenzjonat jew aċċidentali ta' organiżmu fl-ambjent ta' sit jew territorju, liema sit jew territorju jkun jifforma parti miż-żona ta' distribuzzjoni naturali ta' dak l-organiżmu. Dan l-organiżmu jrid ikun jappartjeni għal speċi indiġena jew *taxon* li jkun estint jew mhedded, u li fiż-żminijiet storiċi jkun eżista b' mod naturali u b'mod li jsostni ruħhu waħdu, u li jkun naqas fin-numru jew sparixxa kompletament minħabba l-intervent uman jew minħabba xi katastrofi naturali;

"riżorsi bioloġiċi" tinkludi riżorsi ġenetiċi, organiżmi jew partijiet minnhom, popolazzjonijiet, jew kwalunkwè komponent biotiku fl-ekosistemi, li għandhom jew jista' jkollhom użu jew valur għall-bnedmin;

"riżorsi ġenetiċi" tfisser materjal ġenetiku ta' valur kemm attwali kif ukoll potenzjali;

"sit" tfisser"żona li hija ġeografikament definita, u li l-burduri tagħha huma mmarkati b'mod ċar, u tinkludi żoni fil-baħar;

"sit ta' importanza Komunitarja" tfisser sit li fir-reġjun jew reġjuni bioġeografiċi li jifforma parti minnu, jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-manteniment jew għar-restawr ta' l-istat ta' konservazzjoni favorevoli ta' tip ta' ambjent naturali indikat fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' speċi indikat fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti, u li jista' jikkontribwixxi b' mod sostanzjali għall-koerenza tan-*Natura 2000* u, jew għall-manteniment tad-diversità bioloġika fi ħdan ir-reġjun bioġeografiku tal-Mediterran;

"siti protetti" jinkludu żoni speċjali ta' konservazzjoni (SACs) u żoni ta' ħarsien speċjali (SPAs) dikjarati bħala tali skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti;

"speċi domestikati jew kultivati" tfisser speċi li l-proċess evoluttiv tagħhom ġie influwenzat mill-bniedem minħabba l-esiġenzi tiegħu;

"speċi invasiva" tfisser speċi barranija li thedded il-biodiversità lokali jekk tistabbilixxi ruħha jew tinxtered;

"speċi li jeħtieġu attenzjoni partikolari" tfisser speċi li jistgħu jkunu f'riskju li jkunu fil-periklu minħabba n-natura speċifika ta' l-ambjent tagħhom u, jew minħabba l-impatt potenzjali kaġunat mill-isfruttament ta' l-ambjent tagħhom u, jew minħabba l-impatt

potenzjali kaġunat mill-isfruttament tagħhom fuq l-istat ta' konservazzjoni tagħhom;

"speċi ta' importanza bioġeografika" tfisser kull speċi li tinsab fil-Gżejjer Maltin li hija, jew possibilment tista' tkun għadha teżisti bħala relitt, jew li minħabba d-distribuzzjoni ristretta tagħha fil-Mediterran, tikkontribwixxi biex wieħed jifhem l-iżvilupp fil-kors taż-żmien tal-biodiversità f'Malta, fil-Mediterran, fl-Ewropa u fl-Afrika ta' Fuq;

"speċi ta' importanza Komunitarja" tfisser speċi fit-territorju msemmi fir-regolament 2(1) li jinsabu perikolati, vulnerabbli, rari, endemiċi, jew speċi li jeħtieġu attenzjoni partikolari, jew speċi ta' priorità. Dawn l-ispeċi huma indikati jew jistgħu jkunu indikati fi Skeda II jew fi Skeda V jew fiż-żewġ Skedi;

"speċi ta' importanza nazzjonali jew ta' importanza internazzjonali" tfisser dawk l-ispeċi li f'Malta, huma mhedda, vulnerabbli, rari, endemiċi, jew speċi li teħtieġ attenzjoni partikolari, jew li tkun speċi ta' priorità. Dawn l-ispeċi huma dawk indikati, jew li jistgħu jkunu indikati fi Skeda II u, jew fl-Iskedi IV, V jew VI ta' dawn ir-regolamenti;

"speċi ta' priorità" tfisser dawk l-ispeċi mhedda li dwarhom Malta, bħala Stat Membru, għandha responsabbilità partikolari minħabba d-daqs tal-medda naturali tagħhom li tinsab fit-territorju msemmi fir-regolament 2(1). Dawn it-tipi ta' ambjenti naturali ta' priorità huma mmarkati permezz ta' asterisk (*) fl-Iskeda II ta' dawn ir-regolamenti;

"speċi tal-passa" tfisser il-popolazzjoni kollha ta' speċi jew *taxon* inferjuri ta' annimali selvaġġi, jew fejn l-ispeċi jew *taxon* inferjuri ta' annimali selvaġġi tkun maqsuma ġeografikament, dik il-parti hekk separata, li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tagħhom jaqsmu minn ġurisdizzjoni għal oħra b'mod ċikliku u prevedibbli;

"Stati ta' Ftehim" tfisser kull ftehim, li Malta hija parti minnu, magħmul bejn grupp ta' stati li jagħtu reċiprokament liċ-ċittadini ta' dawn l-istati jew lid-dipendenti tagħhom, id-dritt li jidħlu, joqgħodu u jgħixu fit-territorju ta' dak l-istat u li joħorġu minnu, li jiċirkolaw liberament f'dawk l-istati għal perjodu tali li jista' jkun stabbilit fil-ftehim u li jaħdmu jew jistabbilixxu, jipprovdu jew jirċievu servizzi fih; u "Stat ta' Ftehim" u "Ċittadin ta' Stat tal-Ftehim" għandhom ikunu interpretati b'dan il-mod, u meta stat ikun parti minn Ftehim bħal dak, bla ħsara għal modifiki u

adattamenti, ċittadin ta' Stat ta' Ftehim għandu jkun soġġett għal dawk il-modifiki jew adattamenti li jistgħu jkunu ordnati;

"tipi ta' ambjenti naturali li huma ta' importanza nazzjonali jew ta' importanza internazzjonali" tfisser dawk l-ambjenti li huma msemmija fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti, u li jinkludu dawk l-ambjenti naturali li:

(a) huma fil-periklu li jisparixxu mill-medda naturali tagħhom; jew

(b) għandhom medda naturali żgħira minħabba r-rikaduta tagħhom jew minħabba d-daqs intrinsikament żgħir taż-żona tagħhom; jew

(ċ) huma eżempju eċċellenti ta' wieħed jew iżjed minn dawn s-seba' reġjuni bio-ġeografiċi: Alpin, Atlantiku, Boreal, Kontinentali, Makaronesjan, Mediterran u Pannonian; jew

(d) huma nklużi fi trattati internazzjonali li Malta għal kollox jew f'parti minnu biss;

"tipi ta' ambjenti naturali ta' priorità" tfisser dawk l-ambjenti naturali li jinsabu fit-territorju msemmi fir-regolament 2(1) u li huma fil-periklu ta' estinzjoni u li dwarhom Malta, bħala Stat Membru, għandha responsabilità partikolari minħabba d-daqs tal-medda naturali tagħhom li tinsab fit-territorju msemmi fir-regolament 2(1). Dawn it-tipi ta' ambjenti naturali ta' priorità jinsabu mmarkati permezz ta' asterisk (*) fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti;

"użu sostenibbli" tfisser l-użu ta' komponimenti ta' diversità bioloġika b'mod u b'rata li ma twassalx għat-tnaqqis fit-tul tad-diversità bioloġika, biex b'hekk ikunu mħarsa l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri;

"vulnerabbli" tfisser speċi li hi, jew probabilment ser tkun, mhedda fil-futur qarib, jekk dawk il-fatturi każwali jippersistu;

"żoni speċjali ta' konservazzjoni" jew "SAC" tfisser żona protetta u żona li hija ta' importanza nazzjonali jew ta' importanza internazzjonali;

"żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' Importanza Nazzjonali" tfisser żona desinjata bħala tali taħt dawn ir-regolamenti u li tikkontribwixxi b'mod sinjifikanti għall-koerenza tan-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali u l-manteniment tad-diversità bioloġika f'Malta;

"żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali" tfisser żona desinjata bħala tali permezz ta' att statutorju, amministrattiv jew kuntrattwali, fir-reġjun bio-ġeografiku jew reġjuni li tifforma parti minnha, u fejn miżuri ta' konservazzjoni huma applikati biex jiġi mantnut jew restawrat, fi stat favorevoli ta' konservazzjoni, l-ambjent naturali tat-tip imsemmi fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti jew ta' speċi msemmi fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti;

"żona ta' ħarsien speċjali" jew "SPA" tfisser żona desinjata għall-għasafar imsemmija fi Skeda I tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi. A.L. 79 ta' l-2006.

4. L-Awtorità Kompetenti hija responsabbli mill-amministrazzjoni u mill-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. Amministrazzjoni.

PARTI II

IT-TWAQQIF TAN-*NETWORK* EKOLOĠIKU NAZZJONALI

5. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha twaqqaf *Network* Ekoloġiku ta' żoni protetti koerenti ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni bl-isem ta' *Network* Ekoloġiku Nazzjonali. Twaqqif ta' *network* Ekoloġiku Nazzjonali.

(2) Dan in-*Network* għandu jkun magħmul minn siti karatterizzati minn xi wieħed jew aktar min dawn l-aspetti:

(a) tipi rappreżentattivi ta' biodiversità ta' daqs adegwat biex b' hekk tiġi żgurata l-viabilità fit-tul tagħhom kif ukoll biex tiġi mantnuta d-diversità bioloġika tagħhom;

(b) ambjenti li huma fil-periklu li jisparixxu mill-medda naturali tagħhom, jew li għandhom medda naturali żgħira minħabba r-rikaduta tagħhom jew minħabba d-daqs intrinsikament żgħir taż-żona tagħhom;

(ċ) ambjenti li huma importanti għas-soppravvivenza, riproduzzjoni u l-irkupru ta' speċi ta' flora u fawna indikati fi Skedi II u III ta' dawn ir-regolamenti;

(d) kwalunkwè sit fejn ċerti speċi li huma endemiċi, jew li jistgħu jkunu endemiċi, indiġeni u, jew li jistgħu jkunu indiġeni b'distribuzzjoni ristretta, jinsabu fil-Gżejjer Maltin;

(e) kwalunkwè sit fil-Gzejjer Maltin fejn ċerti speċi, komunitajiet u, jew biotipi, li huma endemiċi, jew li jistgħu ikunu endemiċi, indiġeni u, jew li jistgħu jkunu indiġeni, jinsabu;

(f) kwalunkwè sit li jirrappreżenta t-tip ta' lokalità li fiha jinsabu speċi jew biotipi, b'mod partikolari jekk dawn l-ispeċi jew biotipi huma endemiċi jew li jistgħu jkunu endemiċi;

(ġ) siti ta' importanza partikolari minħabba l-interess xjentifiku, ekoloġiku, ta' biodiversità, bioġeografiku, żooloġiku, botaniku, estetiku, kulturali, ta' paesaġġ jew edukattiv tagħhom;

(ħ) siti li jifformaw parti minn *Network* Natura 2000, stabbilit skond il-provvedimenti tar-regolament 6;

(i) kwalunkwè sit li fl-opinjoni ta' l-Awtorità Kompetenti għandu dawk il-fatturi oħrajn relevanti li m'humiex imsemmija hawn iżjed qabel.

Natura 2000.

6. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tikkontribwixxi biex jiġi stabbilit *Network* ekoloġiku Ewropew koerenti ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni stabbiliti taħt in-Natura 2000 skond il-provvedimenti tar-regolament 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-Konservazzjoni ta' Ambjenti Naturali u ta' Fawna u Flora Selvaġġi.

Dan in-*network* għandu jinkludi:

(a) dawk is-siti indikati bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza internazzjonali skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti;

(b) dawk is-siti indikati bħala żoni ta' ħarsien speċjali skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) siti li jilqgħu t-tipi ta' ambjent naturali indikati fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti;

(d) siti li jilqgħu speċi ta' agħsafar indikati fl-iskeda I tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi;

A.L. 79 ta' l-2006.

(e) l-ambjenti ta' l-ispeċi indikati fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti;

u għandu wkoll jara illi t-tipi ta' ambjent naturali u l-ambjent ta' l-ispeċi konċernati jkunu mantnuti, jew, jekk ikun il-każ, restawrati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-medda naturali tagħhom.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tikkontribwixxi għall-holqien tan-Natura 2000:

(a) fi proporzjon għar-rappresentanza fit-territorju tagħha ta' tipi ta' ambjenti naturali u ambjenti ta' speċi imsemmija fir-regolament 6(1);

(b) billi, tenut kont ta' l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, taħtar siti bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza internazzjonali jew żoni ta' ħarsien speċjali, skond il-provvedimenti tal-Parti III ta' dawn ir-regolamenti.

7. L-Awtorità Kompetenti tista', jekk tħoss li jkun il-każ, ittejjeb il-koerenza tan-*Network* Natura 2000 billi żżomm, u fejn ikun il-każ tiżviluppa, aspetti tal-paesaġġ li huma ta' importanza kbira għall-flora u l-fawna, kif imsemmi fis-subregolament (9) tar-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti.

Dikjarazzjoni ta' Żoni ta' Ħarsien Speċjali.

8. (1) Bil-għan li jiġi estiż in-*Network* Ekoloġiku Pan-Ewropew, kif ukoll skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tipproponi lill-istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet internazzjonali konċernati, il-lista ta' siti ta' importanza internazzjonali, liema lista għanda tiġi redatta skond il-provvedimenti tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Din il-lista għandha tiġi mibgħuta lill-istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet internazzjonali konċernati u Stati ta' Ftehim, flimkien ma' informazzjoni fuq kull sit. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, mappa tas-sit, flimkien ma' l-isem, il-posizzjoni u d-daqs ta' l-istess sit, kif ukoll dik l-informazzjoni li toħroġ mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

PARTI III

SITI PROTETTI

L-għażla ta' siti eleġibbli biex ikunu identifikati bħala siti ta' importanza nazzjonali jew internazzjonali.

9. (1) Skond il-kriterji stabbiliti fl-ewwel stadju ta' Skeda IV (Stadju I) ta' dawn ir-regolamenti, u skond l-informazzjoni xjentifika relevanti, l-Awtorità Kompetenti għandha, minn żmien għal ieħor, tipproponi lista ta' siti, u ma' kull sit tindika liema ambjent naturali fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti, u liema speċi ta' Skedi II u III ta'

dawn ir-regolamenti li huma indiġeni għal Malta, jinsabu fis-siti magħżula:

Iżda f'każ ta' speċi ta' annimali mifruxa fuq żoni kbar, is-siti magħżula għandhom jaqblu ma' dawk il-postijiet fil-firxa nazzjonali li għandhom dawk il-fatturi fiżiċi jew bioloġiċi li huma essenzjali għall-ħajja jew għar-riproduzzjoni ta' l-istess speċi:

Iżda wkoll f'każ ta' speċi akwatiċi mifruxa fuq żoni kbar, is-siti magħżula għandu jkollhom żona li tkun identifikata b'mod ċar u li jkollha dawk il-fatturi fiżiċi jew bioloġiċi li huma essenzjali għall-ħajja jew għar-riproduzzjoni ta' l-istess speċi.

(2) Meta sit, sew jekk huwa ta' importanza nazzjonali sew jekk ta' importanza internazzjonali, jiġi identifikat mill-Awtorità Kompetenti skond il-proċedura stabbilita fi Skeda IV ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti għandha, mill-aktar fis possibli, provviżorjament tindika dak is-sit bħala żona kandidata ta' konservazzjoni speċjali, u tistabbilixxi prioritajiet in vista ta':

(a) il-manteniment u r-restawr, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, ta' ambjent naturali tat-tip indikat fi Skeda I;

(b) il-manteniment u r-restawr, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, ta' speċi tat-tip indikat fi Skeda II;

(ċ) il-koerenza tan-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali u tan-*Network* Ekoloġiku Pan-Ewropew;

(d) it-theddida ta' degradazzjoni jew distruzzjoni li għalija huma esposti dawn is-siti.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tiddistingwi bejn dawk is-siti li fl-opinjoni tagħha huma ta' importanza nazzjonali u siti ta' importanza internazzjonali.

Speċi soġġetti għal Miżuri Speċjali ta' Konservazzjoni.

A.L. 79 ta' l-2006.

10. (1) L-ispeċi ta' għasafar indikati fi Skeda I tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, għandhom igawdu minn miżuri ta' konservazzjoni speċjali fuq l-ambjent naturali tagħhom, u dan biex tiġi mħarsa s-sopravvivenza u r-riproduzzjoni tagħhom fiż-żona ta' distribuzzjoni tagħhom.

(2) Biex timplimenta dak provdut fis-subregolament (1), l-Awtorità Kompetenti għandha, b'mod partikolari, tikklassifika dawk it-territorji l-iżjed idonei mill-aspett ta' qies u ammont, bħala żoni speċjali ta' Konservazzjoni, u dan biex jiġu kkonservati dawk l-ispeċi,

tenut kont il-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom fiż-żoni fuq l-art u marittimi ta' Malta.

(3) Dawn iż-żoni għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-ispeċi indikati fl-Iskeda I tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, li huma fil-perikolu ta' estinzjoni, speċi vulnerabbli għal tibdil speċifiku fl-ambjent tagħhom, speċi li huma kkunsidrati bħala rari minħabba popolazzjoni żgħira jew distribuzzjoni lokali restritta kif ukoll speċi oħra li jeħtieġu attenzjoni partikolari minħabba n-natura speċifika ta' l-ambjent tagħhom. F'din l-evalwazzjoni, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni x-xeħtiet u l-varjazzjonijiet tal-livelli tal-popolazzjoni.

(4) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu miżuri simili għal speċi li jpassu b'mod regolari li m'humiex indikati fi Skeda I tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, tenut kont tal-ħtieġa li dawn jiġu protetti fiż-żoni fuq l-art u marittimi ta' Malta fejn dawna jitnisslu, jistrieħu jew joqgħodu matul ix-xitwa, kif ukoll dawk iż-żoni li fuqhom jistrieħu meta jkunu qegħdin ipassu. Għal dan il-għan, l-Awtorità Kompetenti għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-*wetlands*, b'mod partikolari dawk ta' importanza internazzjonali.

Pubblikazzjoni ta' siti protetti.

11. (1) Hekk kif sit jiġi identifikat bħala SAC jew SPA mill-Awtorità Kompetenti skond il-provvedimenti tar-regolament 9 u 10 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika d-dettalji ta' dak is-sit jew siti fil-Gazzetta jew f'gazzetta lokali.

(2) Sit ikun soġġett għall-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti hekk kif l-Awtorità Kompetenti tidentifika sit fil-lista imsemmija fir-regolament 9(1), jew tidentifika sit bħala SAC jew SPA skond il-provvedimenti tas-subregolament (1).

Notifika lis-sidien.

12. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tavża lil xi wieħed mis-sidien ta' xi sit li jkun ġie indikat bħala SAC jew SPA, bl-inklużjoni ta' dak is-sit fil-lista, u għandha wkoll twaħħal kopja ta' l-avviż fis-sit. Jekk ebda wieħed mis-sidien ma jkun magħruf, jew jekk mhux raġonevolment possibbli li jiġu notifikati dawk is-sidien, l-avviż imsemmi għandu jitwaħħal biss fis-sit u ma jkunx hemm bżonn issir in-notifika lil dawk is-sidien kif imsemmi qabel.

Reġistrazzjoni.

(2) Il-lista ta' siti protetti għandha tiġi reġistrata fuq indiċi apposta għall-iskop imsemmi fis-subregolament (1). Dan l-indiċi għandu jinżamm b'mod elettroniku b'tali manjiera illi tkun tista' ssir riċerka biex jiġi determinat l-istat ta' dak is-sit. L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm kopja ta' dan l-indiċi fl-uffiċju tar-Reġistru ta' l-Artijiet u

għandha tati, wara ħlas ta' dak id-dritt kif jista' jiġi preskritt, ċertifikat li juri l-istat ta' dak is-sit.

(3) Għall-fini ta' dan ir-regolament, "sit" tinkludi wkoll proprjetà waħda jew aktar minn proprjetà waħda, irrispettivament minn min huwa sid dik il-proprjetà, li tifforma parti mis-sit li ġie indikat bħala SAC jew SPA.

L-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ linji ta' gwida.

13. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika linji ta' gwida rigward it-tmexxija u l-konservazzjoni ta' siti protetti.

(2) Sit protett jista' jiġi ndikat mill-Awtorità Kompetenti bħala li tikkonsisti f'kategoriji differenti ta' siti protetti, u dan skond l-esiġenzi tat-tmexxija stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti.

(3) Kull sit protett jista' jiġi mdawwar mill-Awtorità Kompetenti b'żona intiża biex tifred lis-sit mill-kumplament, u minn żona intiża għall-immaniġġar ta' l-istess sit:

Iżda kemm iż-żona intiża biex tifred lis-sit mill-kumplament, kif ukoll dik iż-żona intiża għall-immaniġġar tas-sit, jista' jkun fiha xi komunitajiet rappreżentattivi jew speċi li jimmerithom li jiġu protetti, u jista' jkun li din ma tkunx żona rurali.

Dawn iż-żoni jistgħu wkoll jinkludu ekosistemi magħmula jew ikkaġunati mill-bniedem u li huma suġġett għall-istess, kompletament jew in parti, miżuri ta' tmexxija li għalihom ikunu soġġetti s-siti jew siti protetti.

(4) L-Awtorità Kompetenti għandha tara li ż-żona ntiża biex tifred lis-sit mill-kumplament tkun kbira biżżejjed biex tifred, tnaqqas u tassorbi l-impatt ta' attivitajiet ta' ħsara li jsiru f'siti fil-viċin li m'humiex protetti.

(5) Il-protezzjoni tas-siti protetti tista' wkoll toħroġ minn regolamenti maħruġa taħt l-Att jew Atti relatati, kif ukoll permezz ta' ftehim amministrattiv jew kontrattwali magħmul ma' l-Awtorità Kompetenti.

Pjani ta' temexxija u azzjoni għall-konservazzjoni.

14. (1) L-Awtorità Kompenenti għandha tistabbilixxi dawk il-miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni ta' siti protetti.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu dawk il-passi biex fis-siti protetti, tkun evitata d-deterjorazzjoni ta' l-ambjenti naturali u l-ambjenti ta' speċi, kif ukoll id-disturb ta' l-ispeċi li minħabba fihom iż-żona ġiet indikata bħala tali, kemm il-darba dan id-disturb ikun sinifikanti in relazzjoni ma' l-objettivi ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Meta ż-żona tkun SPA, l-Awtorità Kompetenti għandha tara illi jkun evitat it-tniġġiż jew id-deterjorazzjoni ta' l-ambjenti li jkunu l-barra mill-SPA.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista' tniedi pjan ta' immaniġġar għal dawn is-siti protetti, liema pjan għandu jinkludi miżuri ta' ippjanar, tmexxija, immaniġġar, superviżjoni u monitoraġġ skond il-kategoriji ta' protezzjoni mogħtija lil dak is-sit. Għal kull sit protett, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, skond il-każ:

(a) viżjoni ekoloġika fit-tul għas-sit protett kif ukoll għall-komunitajiet ta' l-art, tal-kosta u tal-baħar relatati, kif ukoll provvediment għall-protezzjoni tal-biodiversità, tqassim, edukazzjoni u kuxjenza pubblika, tmexxija, kejl dwar kif il-pjan ikun qiegħed jiġi implimentat, kif ukoll kwalunkwè attività oħra meħtieġa mill-Awtorità Kompetenti;

(b) l-bażi legali u istituzzjonali, kif ukoll il-miżuri ta' protezzjoni applikabbli;

(ċ) il-monitoraġġ kontinwu tal-proċessi ekoloġiċi, ambjenti, ċaqlieq fil-popolazzjoni, paesaġġi, kif ukoll l-impatt ta' l-attività tal-bniedem;

(d) l-involviment attiv skond il-każ ta' komunitajiet u popolazzjonijiet lokali fit-tmexxija tas-sit protett, kif ukoll assistenza li għandha tingħata lin-nies tal-lokal li jistgħu jkunu milquta minħabba l-indikazzjoni mogħtija lil dik iż-żona;

(e) l-adozzjoni ta' mekkaniżmi biex ikunu ffinanzjati l-promozzjoni u t-tmexxija tas-sit protett, kif ukoll l-iżvilupp ta' attivitajiet intiżi biex jiżguraw illi t-tmexxija hija kompatibbli ma' l-objettivi tal-konservazzjoni ta' dak is-sit;

(f) r-regolament ta' attivitajiet kompatibbilment ma' l-objettivi li għalihom is-sit protett ġie identifikat bħala tali, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' permessi relatati; u

(ġ) it-taħriġ ta' nies li jmexxu u oħrajn teknikament kwalifikati, kif ukoll l-iżvilupp ta' l-infrastruttura neċessarja għat-tmexxija tagħha.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tippromwovi u tinforza t-tmexxija u l-użu b'mod sostenibbli tas-siti protetti, u dan skond il-kategoriji ta' protezzjoni fi ħdan is-siti protetti:

Iżda tali tmexxija jew użu m'għandhomx jikkompromettu l-istruttura u l-funzjoni tal-biodiversità, inkluż żoni fl-art, żoni mal-kosta, art mgħaddsa u l-kolonna ta' l-ilma li magħhom huma assoċjati.

(6) Il-pjanijiet ta' tmexxija għandhom jiġu riveduti mill-Awtorità Kompetenti ta' l-inqas kull ħames snin. L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll b'mod regolari tivvaluta l-istat tas-sit protett, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' tmexxija u ta' dawn ir-regolamenti.

(7) L-Awtorità Kompetenti għandha tara li l-pjanijiet ta' tmexxija nazzjonali jew pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinkludu miżuri dwar interventi li għandhom isiru f'każ ta' inċidenti li jistgħu jikkaġunaw dannu jew jikkostitwixxu theddida għas-siti protetti.

(8) Meta jiġu stabbiliti siti protetti li jkopru żoni fl-art kif ukoll fuq il-baħar, l-Awtorità Kompetenti għandha tara li t-tmexxija tas-siti hekk protetti tkun kordinata biex tkopri s-sit kollu.

(9) Għall-fini ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u b'mod partikolari għall-pjanijiet ta' żvilupp u gwidi sussudjarji dwar l-ippjanar, l-Awtorità Kompetenti għandha tara li jiġu żviluppati *policies* dwar il-konservazzjoni tal-ġmiel naturali u l-aspetti ta' l-art li huma ta' importanza kbira għall-flora u fawna selvaġġa, u dan bil-għan biex titjieb il-koerenza ekoloġika tan-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali, in-*Network* Natura 2000 u tan-*Network* Ekoloġiku Pan-Ewropew.

Ftehim dwar it-tmexxija.

15. (1) Bil-għan li jiġu implimentati pjanijiet ta' tmexxija għas-siti protetti, l-Awtorità Kompetenti tista' tidħol fi ftehim ma' kull sid, inkwilin jew okkupant ta' art li tkun tifforma parti minn żoni speċjali ta' konservazzjoni, dwar it-tmexxija, konservazzjoni, restawr jew protezzjoni tas-sit, jew parti minnu.

(2) Ftehim ta' tmexxija jista' jipprovdi:

(a) għat-tmexxija ta' l-art, sew jekk din hija proprjetà tal-Gvern, sew jekk hija proprjetà privata, kif ukoll biex isiru fuqha dawk ix-xogħlijiet u affarijiet oħra li jkunu meħtieġa għall-iskop ta' konservazzjoni:

Iżda fil-każ ta' art proprjetà tal-gvern, għandu l-ewwel jinġieb il-kunsens tal-Kummissarju ta' l-Artijiet;

(b) għall-implimentazzjoni ta' dak imsemmi fis-subregolament (2)(a) ta' dan ir-regolament, kif ukoll għall-infieq li għandu jsir, sew kollu jew in parti, jew mis-sid, jew minn terzi, jew mill-Awtorità Kompetenti, jew mill-fondi disponibbli mill-Fond għall-Ambjent.

(3) Ftehim ta' tmexxija bħal dan għandu jkun reġistrat fir-Reġistru ta' l-Artijiet, u jkun inforzabbli fuq talba ta' l-Awtorità Kompetenti kontra kull persuna li jkollha nteress fl-art, u kontra kull persuna li tkun akkwistat xi titlu fuq l-istess art.

Kontinwazzjoni fis-seħħ ta' ftehim ta' tmexxija eżistenti.

16. Kull ftehim ta' tmexxija li jkopri żona li wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti ssir żona speċjali ta' konservazzjoni u li tkun daħlet fih l-Awtorità Kompetenti jew il-Gvern qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandu l-istess effett daqs li kieku huwa ftehim taħt r-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti.

Poter li tagħmel Ordnijiet għal Konservazzjoni.

17. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' rigward kwalunkwè żona f'sit protett, toħroġ Ordni għal Konservazzjoni biex tikkontribwixxi lejn is-salvagwardja tal-biodiversità permezz tal-konservazzjoni ta' ambjenti naturali u ta' flora u fawna selvaġġa, kif ukoll biex jiġu mantnuti u restawrati ambjenti naturali, speċi ta' flora u fawna selvaġġa u karatteristiċi ġeoloġiċi u fiżjografiċi. L-ordni għal konservazzjoni għandha tispeċifika dawk l-operazzjonijiet jew attivitajiet li, fl-opinjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, jistgħu jeqirdu jew jagħmlu l-ħsara lill-flora, fawna jew karatteristiċi ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi u fisjografiċi li għalihom l-istess żona tkun tinsab f'sit protett.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tippublika d-dettalji ta' l-ordni għall-konservazzjoni fil-Gazzetta u f'gazzetta lokali. L-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tavża lil xi wieħed mis-sidien ta' xi sit li fuqu tkun inħarġet ordni għall-konservazzjoni, u għandha wkoll twaħħal kopja ta' l-avviż fis-sit. Jekk ebda wieħed mis-sidien ma jkun magħruf, jew jekk mhux raġonevolment possibbli li jiġu notifikati dawk is-sidien, l-avviż msemmi għandu jitwaħħal biss fis-sit u ma jkunx hemm bżonn issir in-notifika lil dawk is-sidien kif imsemmi qabel. L-ordnijiet ta' konservazzjoni għandhom jiġu reġistrati fuq indiċi apposta. Dan l-indiċi għandu jinżamm b'mod elettroniku b'tali manjiera illi tkun tista' ssir riċerka biex jiġi determinat jekk fuq sit ikunx hemm ordni għal konservazzjoni. L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm kopja ta' dan l-indiċi fl-uffiċju tar-Reġistru ta' l-Artijiet u għandha tati wara ħlas ta' dak id-dritt kif jista' jiġi preskritt, ċertifikat li juri l-istat ta' dak is-sit.

(3) Ordni għal konservazzjoni magħmul taħt dan ir-regolament jista' jkun fih dawk il-kundizzjonijiet u disposizzjonijiet oħra li l-Awtorità Kompetenti jidhrilha meħtieġa jew espedjenti; u ordni ta' konservazzjoni jista' jirregola kull ħaġa li tolqot is-sit. Ordnijiet għall-konservazzjoni jistgħu jiġu emendati jew revokati permezz ta' ordni oħra.

(4) Dwar kull sit li jinsab f'żona speċjali ta' konservazzjoni, l-Awtorità Kompetenti jkollha wkoll is-setgħa li teħtieġ b'avviż bil-

miktub li s-sid jagħmel dawk ix-xogħlijiet imsemmija b'mod ġenerali jew kif speċifikat fl-avviż, li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm aktar deterjorament. Jekk jonqos, l-Awtorità Kompetenti tista' tagħti lis-sid, avviż ieħor biex jagħmel jew jispiċċa x-xogħlijiet fi żmien speċifikat, u jekk is-sid ikompli jonqos l-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel hi x-xogħol meħtieġ jew tqabbad lil min jagħmlu, u tirkupra l-ispejjeż ta' dak ix-xogħol mingħand is-sid tal-proprjetà skedata.

(5) Għall-fini ta' dan ir-regolament, "sit" tinkludi wkoll proprjetà waħda jew aktar minn proprjetà waħda, irrispettivament minn min huwa sid dik il-proprjetà, li tifforma parti mis-sit soġġett għal Ordni għal Konservazzjoni.

Restrizzjonijiet fuq operazzjonijiet jew attivitajiet.

18. (1) L-ebda persuna ma tista', fuq sit fi ħdan żona speċjali ta' konservazzjoni, tagħmel xi operazzjoni jew attività, sakemm dik l-operazzjoni jew attività ssir, jew tkun permessa li ssir, mis-sid ta' dak is-sit, u wara li wieħed minnhom ikun avża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti bil-proposta li ssir xi operazzjoni jew attività, u liema avviż għandu jispeċifika x-xorta u s-sit li fuqu jkun propost li ssir l-operazzjoni jew attività.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk tistax issir dik l-operazzjoni jew attività. Il-kunsens mogħti mill-Awtorità Kompetenti taħt dan ir-regolament jista' jkun fih dawk il-kundizzjonijiet u disposizzjonijiet oħra li l-Awtorità Kompetenti jidhrilha meħtieġa jew spedjenti. L-Awtorità Kompetenti tista' wkoll tirregola dik l-operazzjoni jew attività permezz ta' ftehim ta' tmexxija magħmul taħt il-provvedimenti tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-iskop ta' dan ir-regolament, "operazzjoni jew attività" tirreferi għal operazzjoni jew attività relatata ma' żvilupp, jew xi xogħol, li jista' jkollu impatt fuq il-biodiversità u l-SAC.

Provvedimenti supplementali dwar il-kunsensi.

19. (1) Meta, fl-opinjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, applikazzjoni għall-kunsens magħmula taħt dawn ir-regolamenti, tikkonċerna operazzjoni jew attività li hi, jew tifforma parti minn pjan jew proġett li:

(a) m'huwiex direttament konness ma' jew neċessarju għat-tmexxija ta' sit protett, u

(b) x'aktarx ikollha effett sinifikanti fuqha, kemm individwalment kemm flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra,

l-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel, jew tobbliga lill-applikant biex jagħmel, evalwazzjoni adatta, fuq l-implikazzjoni ta' l-operazzjoni jew attività fuq is-sit tenut kont ta' l-għanijiet tal-konservazzjoni tas-sit.

Meta joħorġu r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit, u tenut kont tal-provvedimenti tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti tista' tagħti l-kunsens tagħha għall-operazzjoni jew attività, iżda mhux qabel ma jkun aċċertat li l-pjan jew il-proġett m'huwiex ser jaffetwa b'mod ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk ikun il-każ, wara li l-Awtorità Kompetenti tkun ħadet l-opinjoni tal-pubbliku in ġenerali u dawk l-ilmenti li jkunu saru f'dak iż-żmien raġonevoli hekk kif stabbilit mill-Awtorità Kompetenti.

(2) Jekk minkejja li jkun hemm evalwazzjoni negattiva ta' l-implikazzjonijiet fuq is-sit, l-Awtorità Kompetenti, wara li tkun aċċertat ruħha li ma hemm l-ebda alternattiva, l-istess Awtorità Kompetenti tista' tagħti l-kunsens tagħha biex isseħħ dik l-operazzjoni jew attività, kemm il-darba l-pjan jew proġett ikun meħtieġ li jsir minħabba raġunijiet ta' esiġenza u ta' interess pubbliku fuq kollox, liema raġunijiet, tenut kont tal-provvedimenti tas-subregolament ta' qabel dan, jistgħu jkunu ta' xorta soċjali jew ekonomika.

(3) Meta l-Awtorità Kompetenti tagħti l-kunsens tagħha taħt dan ir-regolament, hija għandha tieħu dawk il-miżuri kompensatorji kollha biex tara li l-koerenza ġenerali tan-*Network* Natura 2000 tkun protetta. L-Awtorità Kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni bil-miżuri kompensatorji addodatti.

(4) Fejn iż-żona speċjali ta' konservazzjoni għandha ġewwa fiha tipi ta' ambjenti naturali ta' prijorità u, jew speċi ta' prijorità, ir-raġunijiet imsemmija fis-subregolament preċedenti għandhom ikunu:

(a) jew raġunijiet ta' saħħa pubblika, sigurtà pubblika jew konsegwenzi tajbin ta' importanza primarja għall-ambjent; jew

(b) raġunijiet oħra li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni huma raġunijiet importanti ta' interess pubbliku fuq kollox.

Permess għall-Iżvilupp.

20. Il-provvedimenti tar-regolament 19 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-permessi ta' l-iżvilupp li jaffetwaw siti protetti, kif ukoll meta tkun qegħda tiġi determinata rikonsiderazzjoni jew appell taħt il-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Bl-istess mod permess ta' l-iżvilupp *outline* ma għandux jingħata kemm il-darba l-Awtorità Kompetenti ma tkunx sodisfatta li, jew b'xi kundizzjoni jew limitazzjonijiet inklużi fil-permess, jew xort'oħra, l-ebda żvilupp li jista' jkollu impatt negattiv fuq l-integrità tas-sit protett ma jista' jsir taħt dak il-permess, sew qabel sew wara li l-materji li jkunu riservati jiġu approvati.

Ordni Ġenerali ta' l-Iżvilupp u Ordni ta' Notifikazzjoni ta' l-Iżvilupp.

21. (1) Għandha titqies bħala kundizzjoni ta' kull kunsens mogħti jew meqjus li jkun ingħata taħt il-provvedimenti ta' Ordni Ġenerali ta' l-Iżvilupp jew ta' Ordni ta' Notifikazzjoni ta' l-Iżvilupp maħruġ mill-Awtorità Kompetenti, sew jekk dan ikun ingħata qabel jew wara l-ħruġ ta' dawn ir-regolamenti, li dak l-iżvilupp li:–

(a) jista' jkollu effett sinifikanti fuq sit protett, sew jekk individwalment kif ukoll flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, u

(b) m'huwiex direttament konness ma' jew neċessarju għat-tmexxija tas-sit,

m'għandux jibda jew jitkompla sakemm l-iżviluppatur ma jirċevix notifika bil-miktub tal-kunsens mogħti mill-Awtorità Kompetenti taħt il-provvedimenti tar-regolament 22.

(2) Il-provvedimenti ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal dawk iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza nazzjonali.

Ordni ta' Notifikazzjoni ta' l-Iżvilupp u Ordni Ġenerali ta' l-Iżvilupp u approvazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti.

22. (1) Meta jkun ser isir żvilupp abbażi ta' kunsens mogħti jew meqjus li jkun ingħata taħt il-provvedimenti ta' Ordni Ġenerali ta' l-Iżvilupp jew ta' Ordni ta' Notifikazzjoni ta' l-Iżvilupp maħruġa mill-Awtorità Kompetenti, għandha ssir applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti.

(2) Din l-applikazzjoni:

(a) għandu jkollha d-dettalji ta' l-iżvilupp li jkun intenzjonat li jsir, u

(b) għandha tkun akkumpanjata bil-ħlas stipulat.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tikkunsidra l-applikazzjoni skond il-provvedimenti tar-regolament 21.

(4) Fejn l-Awtorità Kompetenti tqis li jkollha informazzjoni suffiċjenti biex tikkonkludi li l-iżvilupp ser ikollu jew mhux ser ikollu dak l-effett, l-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel, jew tobbliga lill-applikant biex jagħmel, evalwazzjoni adatta, fuq l-implikazzjoni ta' l-operazzjoni jew attività fuq is-sit tenut kont ta' l-objettivi tal-konservazzjoni tas-sit.

(5) Fejn l-Awtorità Kompetenti tqis li ma jkollhiex informazzjoni suffiċjenti biex tasal għal xi waħda minn dawn il-konklużjonijiet, hija għandha tinforma b'dan lill-applikant, u l-applikant

jista' jagħti dik l-informazzjoni biex l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tasal għall-konklużjoni.

(6) Tenut kont tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet fuq is-sit a tenur tal-provvedimenti tas-subregolament (4), l-Awtorità Kompetenti tista' tagħti l-kunsens tagħha għall-iżvilupp, iżda mhux qabel ma jkun aċċertat li l-iżvilupp m'huwiex ser jaffetwa b'mod ħażin l-integrità tas-sit konċernat.

(7) Il-provvedimenti ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal dawk iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza nazzjonali.

Poteri oħra.

23. (1) L-Awtorità Kompetenti tista', meta tqis il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti u kunsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, b'avviż notifikat lis-sid jew lil min jokkupa dak is-sit, teħtieġ li xi użu jew attività jew xogħolijiet jieqfu jew li xi bini, impjant, attrezzi jew ħaġa oħra hi x'inhi tiġi mneħħija mis-sit, jew teħtieġ kemm dak it-twaqqif kemm dik it-tneħħija.

(2) Meta ordni għat-twaqqif jew tneħħija ssir dwar ħidma, xogħlijiet jew użu jew bini, impjant, attrezzi jew ħaġa oħra li tkun qed issir jew li tkun teżisti skond il-liġi fuq is-sit msemmija fl-avviż qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jew li jkun inbeda jew beda jeżisti wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti skond permess għall-iżvilupp mogħti taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità Kompetenti jkollha l-obbligu li tħallas kumpens għal kull telf li persuna ssofri minħabba l-avviż:

Iżda kull benefiċċju li joħroġ mill-istess avviż għandu jiġi mnaqqas mit-telf hawn qabel imsemmi.

PARTI IV

ĦARSIEN TA' SPEĊI

Ħarsien ta' flora.

24. (1) Ebda persuna ma għandha deliberament tiġbor, tikkollezzjona, taqta', taqla' mill-għeruq, tiddistruġġi jew tikkaġuna ħsara b'xi mod lil xi eżemplari ta' speċi ta' flora elenkati fi Skeda V(b) u VI(b) ta' dawn ir-regolamenti.

A.L. 236 ta' l-2004.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kummerċ fi speċi ta' Flora u Fawna, ebda persuna m'għandha żżomm, tittrasporta, tbiegħ jew tpartat bi kwalunkwè metodu, timporta jew tesporta xi eżemplari ta' speċi ta' flora elenkati fi Skeda V(b) u VI(b) ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ma jkollux permess maħruġ minn qabel mill-Awtorità Kompetenti jew mid-Direttur.

(3) Il-projbizzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għall-istadji kollha taċ-ċiklu bioloġiku ta' dawk il-pjanti li għalihom japplika dan ir-regolament.

Harsien ta' fawna.

A.L. 236 ta' l-2004.

25. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti relatati u r-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora:

(a) ebda persuna ma għandha tiġri wara, tieħu jew tipprova tieħu, taqbad, toqtol jew tipprova toqtol, deliberament tiddistruġġi, tipposjedi, tittrasporta, b'kull mod tbiegħ, tixtri, tpartat, toffri għall-bejgħ jew għat-tpartit, timporta jew tesporta xi eżemplari ta' speċi elenkati fi Skeda V(a) u VI(a) ta' dawn ir-regolamenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk meħuda skond illi qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u sakemm ma jkollux permess maħruġ minn qabel mill-Awtorità Kompetenti jew mid-Direttur;

(b) ebda persuna ma għandha deliberatament tiddisturba xi speċi elenkati fi Skeda V(a) u VI(a) ta' dawn ir-regolamenti partikolarment matul perijodi ta' tnissil, trobbija, ibernazzjoni jew passa;

(ċ) id-distruzzjoni u d-deterjorazzjoni ta' siti ta' tnissil jew postijiet ta' mistrieħ għal dawk l-annimali elenkati fi Skeda V(a) u VI(a) ta' dawn ir-regolamenti hu projbit;

(d) il-projbizzjonijiet msemmija fis-subregolament 1 (a), (b) u (ċ) għandhom japplikaw għall-fażijiet kollha tal-ħajja ta' l-annimali li għalihom japplika dan ir-regolament;

(e) id-distruzzjoni deliberata jew it-teħid ta' bajd mis-selvaġġ huwa projbit ukoll.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha twaqqaf sistema biex tissorvelja l-qbid u qtil inċidentali ta' l-ispeċi ta' annimali elenkati fi Skeda V(a) u VI(a).

Fid-dawl ta' l-informazzjoni miġbura, l-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel riċerka ulterjuri jew tieħu miżuri ta' konservazzjoni skond il-każ biex tiżgura li l-qbid u l-qtil inċidentali ma jkollux impatt negattiv sinifikanti fuq l-ispeċi involuti.

Harsien ta' speċi endemiċi.

26. (1) L-ispeċi endemiċi kollha huma protetti, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispeċi elenkati fi Skeda X ta' dawn ir-regolamenti.

Regolamenti relatati.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 24 u 25 ta' dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti relatati u r-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, ebda persuna m'għandha deliberatament tiġbor, tikkollezzjona, taqta', taqla' mill-għeruq,

tiddistruġġi, tiġri wara, tieħu jew tipprova tieħu, tikkaġuna ħsara bi kwalunkwè mod, taqbad, toqtol jew tipprova toqtol, tippossjedi, b'kull manjiera tbiegħ, tixtri, tpartat, toffri għall-bejgħ jew għal tpartit, timporta jew tesporta, xi eżemplari ta' l-ispeċi endemiċi kollha li ma humiex elenkati fi Skeda X ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ma jkunx fil-pussess ta' permess uffiċjali preċedenti ta' l-Awtorità Kompetenti jew tad-Direttur kif opportun.

(3) Ebda persuna ma għandha deliberatament tiddisturba xi speċi endemiċi, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispeċi elenkati fi Skeda X ta' dawn ir-regolamenti, partikolarment matul perjodi ta' riproduzzjoni, żrigħ, frott u twaqqiegħ ta' frott, tnissil, trobbija, ibernazzjoni jew passa.

(4) Il-projbizzjonijiet msemmija fis-subregolamenti (2) u (3) għandhom japplikaw għall-fażijiet kollha tal-ħajja u ċ-ċiklu bioloġiku tal-flora u fawna li għalihom japplika dan ir-regolament.

Kontroll ta' speċi sfruttati.

27. (1) Jekk, fid-dawl tas-sorveljanza provduta skond dawn ir-regolamenti l-Awtorità Kompetenti jidrilha neċessarju, hi għandha tieħu miżuri biex tiżgura li t-teħid fis-selvaġġ ta' eżemplari ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi elenkati fi Skedi VII u VIII kif ukoll l-isfruttar tagħhom ikun kompatibbli maż-żamma tagħhom fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

(2) Tali miżuri jistgħu jinkludu wkoll partikolarment:

(a) projbizzjoni temporanja jew lokali tat-teħid ta' eżemplari fis-selvaġġ u l-isfruttar ta' ċerti popolazzjonijiet;

(b) regolamentazzjoni tal-perjodi u, jew metodi tat-teħid ta' eżemplari;

(ċ) applikazzjoni, meta eżemplari jiġu meħuda, ta' regoli ta' kaċċa u sajd li jieħdu in konsiderazzjoni l-konservazzjoni ta' tali popolazzjonijiet;

(d) twaqqif ta' sistema ta' liċenzi għat-teħid ta' eżemplari jew ta' kwoti;

(e) regolamentazzjoni tax-xiri, bejgħ, offrir għall-bejgħ, żamm għall-bejgħ jew trasport għall-bejgħ ta' eżemplari;

(f) tnissil, filwaqt li jkunu maqbudin, ta' speċi ta' annimali kif ukoll propagazzjoni artifiċjali ta' speċi ta' pjanti, taħt kundizzjonijiet stretti ta' kontroll, bil-għan tar-riduzzjoni tat-teħid ta' eżemplari fis-selvaġġ;

(ġ) kull miżura oħra meqjusa neċessarja mill-Awtorità Kompetenti;

(h) valutazzjoni ta' l-effetti tal-miżuri adottati.

PARTI V

INTRODUZZJONI U RE-INTRODUZZJONI TA' SPEĊI

Kontroll ta' speċi barranija.

28. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, l-Awtorità Kompetenti tista' tipprojbixxi l-importazzjoni u, jew iż-żamma ta' xi speċi ta' flora u fawna, jekk fl-opinjoni tagħha, tali importazzjoni u, jew żamma tista' tikkaġuna ħsara jew twassal għall-ipperikolar tal-biodiversità ta' Malta, jew għal raġunijiet oħra fl-interess nazzjonali.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, l-Awtorità Kompetenti tista' tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni, kontroll u sorveljar ta' l-introduzzjoni ta' organiżmi ġejjin minn speċi barranija bil-potenzjal li jistabbilixxu popolazzjonijiet ġo l-ambjent naturali u, jew jippreġudikaw il-flora jew il-fawna lokali.

(3) Sabiex is-subregolamenti (1) sa (2) ta' dan ir-regolament jiġu ulterjorment implimentati, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkompila u tippubblika lista dettaljata ta' dawk l-ispeċi li huma invasivi jew meqjusa bħala invasivi għal Malta.

(4) L-ebda persuna m'għandha timporta u, jew iżżomm xi speċi minn dawk imsemmija fis-subregolament (3).

(5) Mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti tar-regolament 43, l-ebda persuna m'għandha deliberament tirrilaxxa, jew tipprova tirrilaxxa, iżżomm u, jew b'xi mod intenzjonalment tassisti l-istabbiliment reali jew potenzjali, ta' speċi minn dawk imsemmija fis-subregolament (3), fl-ambjent naturali, qabel ma jkollha l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità Kompetenti, jew tippermetti li dawn l-ispeċi jaħarbu ġewwa ambjenti naturali minħabba negliġenza.

(6) L-Awtorità Kompetenti tista' tiżviluppa pjanijiet ta' żradikar jew ta' kontroll u programmi relatati bil-għan ta' sorveljar, prevenzjoni u kontroll ta' l-introduzzjoni ta' dawk l-ispeċi barranija, speċi invasivi u speċi b'potenzjal li jistabbilixxu popolazzjonijiet u jsiru invasivi ġo l-ambjent.

(7) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ linji gwida fuq miżura dwar iż-żamma, sorveljar, prevenzjoni, kontroll u żradikar ta' speċi barranija stabbiliti.

Re-introduzzjoni ta' speċi.

29. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel studju biex tivvaluta l-bżonn għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' speċi elenkati fi Skeda II u III li jkunu nativi għat-territorju nazzjonali, fejn dan jista' jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tagħhom.

(2) Qabel l-introduzzjoni mill-ġdid ta' speċi ġo l-ambjent naturali, partikolarment jekk tkun xi speċi endemika jew xi speċi elenkata fi Skedi II, III, V u VI ta' dawn ir-regolamenti, jew xi speċi ta' għasfur li ma jinsabx fis-selvaġġ ġewwa Malta, l-Awtorità Kompetenti għandha tqabbad, jew titlob li jiġi mqabbad, studju li jistabbilixxi jekk tali introduzzjoni mill-ġdid tikkontribwixxix b'mod effettiv biex jiġi stabbilit mill-ġdid tali speċi fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

(3) Tali studju għandu jieħu in konsiderazzjoni l-esperjenza ta' l-Istati tal-Ftehim.

(4) Dik l-introduzzjoni mill-ġdid għandha ssir biss wara li tkun saret konsultazzjoni proprja mal-pubbliku konċernat.

Ritorn ta' speċi protetti.

30. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 49, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha possibbli, fejn hu prattiku, għar-ritorn ta' eżemplari protett mingħand il-persuna fil-pussess illegali ta' l-eżemplari. L-ispejjeż kollha inkorsi fit-twettiq ta' tali miżuri għandhom ikunu a karigu tal-persuna, persuni jew entità misjuba ħatja ta' pussess u kummerċ illegali.

PARTI VI

METODI TA' QBID U QTIL

Projbizzjoni ta' metodi ta' qbid u qtil u metodi ta' trasport.

31. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tipprojbixxi l-użu indiskriminat ta' metodi u forom ta' qbid li jistgħu jwasslu li popolazzjonijiet ta' mammiferi u ħut indikati fi Skeda XI jisparixxu jew jiġu disturbati b'mod serju.

(2) L-użu ta' metodi ta' qbid u qatla indikati fi Skeda XII(a) huwa projbit.

(3) Kull forma ta' qbid jew qtil minħabba sistemi ta' trasport indikati fi Skeda XII (b) huwa projbit.

PARTI VII

KONSERVAZZJONI W UŻU SOSTENIBBLI

Strateġija u programm ta' żvilupp.

32. L-Awtorità Kompetenti għandha:

(a) tiżviluppa strateġija nazzjonali u *policies* u pjanijiet rilevanti oħrajn, pjanijiet ta' azzjoni u programmi relatati bil-għan ta' konservazzjoni w użu sostennibbli tal-biodiversità;

(b) tadatta strateġiji eżistenti, pjanijiet jew programmi biex jirriflettu, *inter alia*, il-miżuri stipulati f'dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti relatati u r-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Konvenzjoni tad-Diversità Bioloġika;

A.L. 160 ta' l-2002.

(ċ) kemm hu possibbli u skond il-każ, tintegra l-konservazzjoni u l-użu sostennibbli tal-biodiversità ġo pjanijiet tas-setturi jew trans-settorjali rilevanti, programmi u *policies*; u

(d) tippromwovi l-integrazzjoni ta' *policies* ta' konservazzjoni w użu sostenibbli tal-biodiversità ġo pjanijiet, programmi u *policies* imħejjija minn awtoritajiet oħrajn.

Konservazzjoni *in situ*.

33. L-Awtorità Kompetenti għandha, kemm hu possibbli u skond il-każ:

(a) tirrijabilita u tirrestawra ekosistemi degradati u tippromwovi l-irkupru ta' speċi li jkunu mhedda, *inter alia*, permezz ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet jew strateġiji ta' maniġġar oħra;

(b) tippreveni l-introduzzjoni ta', tikkontrolla jew tiżradika dawk l-ispeċi barranija li jkunu jheddu l-ekosistemi, ambjent naturali jew speċi, skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u r-regolamenti relatati;

(ċ) tagħmel sforz biex tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompatibilità bejn użu preżenti u l-konservazzjoni tad-diversità bioloġika u l-użu sostennibbli tal-komponenti tagħha.

Konservazzjoni *ex situ*.

34. L-Awtorità Kompetenti għandha, kemm hu possibbli u skond il-każ, u prinċipalment bil-għan li tikkumplimenta miżuri *in situ:*

(a) tippromwovi miżuri għall-konservazzjoni *ex situ* ta' komponenti tad-diversità bioloġika, preferibbilment fil-pajjiż jew ġżira ta' l-oriġini ta' tali komponenti;

(b) tippromwovi t-twaqqif u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet għall-konservazzjoni *ex situ* u riċerka fuq pjanti, annimali u mikro-organiżmi;

(ċ) tadotta miżuri għar-rikavar u rijabilitazzjoni ta' speċi li jkunu mhedda u għall-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fl-ambjenti naturali oriġinali tagħhom taħt kundizzjonijiet opportuni;

(d) tirregola, timmaniġġa jew tintermedja ma' dawk li jimmaniġġaw kollezzjonijiet ta' riżorsi bioloġiċi għall-skopijiet ta' konservazzjoni *ex situ* sabiex ma jiġux ipperikolati ekosistemi u popolazzjonijiet *in situ* ta' speċi, minbarra każijiet fejn miżuri *ex situ* temporanji speċjali jkunu rikjesti taħt il-paragrafu (ċ) imsemmi hawn aktar qabel.

Użu sostennibbli ta' komponenti ta' diversità bioloġika.

35. L-Awtorità Kompetenti għandha, kemm hu possibbli u skond il-każ:

(a) tintegra konsiderazzjoni tal-konservazzjoni w l-użu sostenibbli ta' riżorsi bioloġiċi fit-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali;

(b) tadotta kodiċi ta' prattika, gwidi jew miżuri li jirrelataw għall-użu ta' riżorsi bioloġiċi sabiex tevita jew tnaqqas impatti negattivi fuq il-biodiversità;

(ċ) tipproteġi u tinkoraġixxi użu skond id-drawwa ta' riżorsi bioloġiċi skond użanzi kulturali tradizzjonali li jkunu kompatibbli mal-konservazzjoni jew użu sostenibbli meħtieġ;

(d) tgħin popolazzjonijiet lokali biex jiżviluppaw u jimplimentaw azzjonijiet rimedjali f'żoni degradati fejn id-diversità bioloġika tkun ġiet ridotta; u

(e) tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-awtoritajiet governattivi u s-settur privat fl-iżviluppar ta' metodi għall-użu sostenibbli ta' riżorsi bioloġiċi.

PARTI VIII

AĊĊESS GĦAL RIŻORSI ĠENETIĊI

Aċċess għal riżorsi ġenetiċi.

A.L. 236 ta' l-2004.

36. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, u r-regolamenti relatati, l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi lejn pajjiżi li ma jkunux Malta għandu jkun soġġett għall-kunsens infurmat preċedenti ta' l-Awtorità Kompetenti,

iżda prodotti agrikoli u annimali domestiċi jkunu esklużi minn id-disposizzjoni.

(2) Aċċess, meta jingħata, għandu jkun fuq pattijiet li fuqhom ikun hemm qbil reċiproku u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(3) Tali aċċess għal riżorsi ġenetiċi għandu jiggarantixxi mod ġust u ekwu għal qsim tar-riżultati ta' riċerka, żvilupp u benefiċċji derivanti mill-kummerċ u utilizzazzjonijiet oħra ta' tali riżorsi ġenetiċi mill-pajjiż li jitlob tali aċċess. Tali qsim għandu jkun fuq pattijiet li fuqhom ikun hemm qbil reċiproku.

In-natura ta' riżorsi ġenetiċi.

37. Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, ir-riżorsi ġenetiċi provduti minn Malta, kif imsemmi fir-regolament 28, huma biss dawk ir-riżorsi ġenetiċi li għalihom Malta hi l-pajjiż ta' oriġini, jew li Malta hi l-pajjiż li tipprovdi riżorsi ġenetiċi, wara li tkun akkwistat tali riżorsi ġenetiċi skond id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar Diversità Bioloġika, magħmul f'Rio de Janiero fil-ħamsa ta' Ġunju 1992.

PARTI IX

SORVELJANZA U MONITORAĠĠ

Identifikazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ.

38. L-Awtorità Kompetenti għandha, kemm hu possibbli u skond il-każ, partikolarment għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti u r-regolamenti relatati:

(a) tikkummissjona sorveljanza u monitoraġġ tal-biodiversità u l-istat ta' konservazzjoni ta' l-ambjenti naturali u l-ispeċi, b'rigward partikolari għat-tipi ta' ambjent naturali ta' prijorità u speċi ta' prijorità;

(b) tidentifika komponenti tal-biodiversità importanti għall-konservazzjoni tagħhom u l-użu sostennibbli tenut kont tal-lista indikattiva ta' kategoriji stipulati fi Skeda IX ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) timmonitorja l-komponenti ta' biodiversità identifikati in segwitu għall-paragrafu (b) hawn aktar qabel imsemmi, b'attenzjoni partikolari għal dawk li jkunu jirrikjedu miżuri ta' konservazzjoni urġenti u dawk li jkunu joffru l-akbar potenzjal għall-użu sostenibbli;

(d) tidentifika proċessi u kategoriji ta' attivitajiet li għandhom jew li x'aktarx ikollhom impatti negattivi sinifikanti fuq il-konservazzjoni u l-użu sostennibbli tad-diversità bioloġika, u timmonitorja l-effetti tagħhom;

(e) tivvaluta l-istat, dinamika u movimenti staġjonali tal-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi protetti konċernati; u

(f) tmantni u torganizza, bi kwalunkwè mekkaniżmu, informazzjoni miksuba minn attivatijiet ta' identifikazzjoni u monitoraġġ in segwitu għall-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) hawn aktar qabel imsemmijin.

Bażi nazzjonali ta' informazzjoni fuq biodiversità.

39. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha toħloq inventarji nazzjonali bil-għan tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-biodiversità, sabiex tmantni u torganizza l-informazzjoni miksuba mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u r-regolamenti relatati.

(2) Sakemm ikun prattikament possibbli, tali inventarji għandhom ikunu diġitalizzati u magħmula liberament aċċessibbli għall-pubbliku, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-Ambjent. A.L. 116 ta' l-2005.

PARTI X

KOMUNIKAZZJONIJIET U RIĊERKA

Komunikazzjoni, edukazzjoni u informazzjoni ġenerali.

40. (1) l-Awtorità Kompetenti għandha tippromwovi edukazzjoni w informazzjoni ġenerali rigward il-bżonn għall-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi u għall-konservazzjoni ta' l-ambjenti u l-ambjenti naturali tagħhom.

(2) F'dan ir-rigward, l-Awtorità Kompetenti, għandha tippromwovi u tinkoraġġixxi:

(a) pubbliċità adatta għat-twaqqif ta' siti protetti, il-konfini tagħhom, regolamenti applikabbli, u fir-rigward ta' speċi protetti u l-ambjenti naturali tagħhom;

(b) il-ftehim ta' l-importanza ta', u l-miżuri rikjesti għall-konservazzjoni, protezzjoni u l-immaniġġar tal-biodiversità;

(ċ) l-inklużjoni tal-protezzjoni tal-biodiversità u l-manniġġar, l-interess u l-valur ta' siti protetti u ta' speċi protetti, l-għarfien xjentifiku li jista' jiġi miksub mill-punt ta' vista ta'

konservazzjoni tan-natura, u punti ta' vista rilevanti oħrajn fi programmi edukattivi opportuni;

(d) it-tixrid ta' informazzjoni fuq protezzjoni tal-biodiversità li jsiru mill-Awtorità Kompetenti, u li din tiġi magħmula aċċessibbli skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-Ambjent;

(e) parteċipazzjoni pubblika f'miżuri li huma meħtieġa għall-protezzjoni taż-żoni u speċi konċernati; u

(f) koperazzjoni, kif opportun, ma' organi nazzjonali u entitajiet, Stati tal-Ftehim, u organizzazzjonijiet internazzjonali fl-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' attenzjoni pubblika, fir-rigward ta' konservazzjoni w użu sostenibbli tad-diversità bioloġika.

Riċerka u koperazzjoni xjentifika.

41. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tippromwovi riċerka nazzjonali u internazzjonali w koperazzjoni xjentifika fil-qasam ta' konservazzjoni w użu sostennibbli tad-diversità bioloġika, fejn neċessarju, permezz ta' l-istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali opportuni.

(2) Għandu jiġi nkoraġġit li ssir riċerka neċessarja u x-xogħol xjentifiku fir-rigward ta' l-għanijiet u l-obbligazzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u r-regolamenti relatati. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lejn xogħol xjentifiku neċessarju għall-implimentazzjoni tar-regolamenti 5 sa 29, tenut in konsiderazzjoni riċerka koperattiva lil hinn mill-konfini bejn pajjiżi.

Twaqqif ta' mekkaniżmu ta' "*clearing-house*".

42. L-Awtorità Kompetenti għandha twaqqaf mekkaniżmu ta' "*clearing-house*" biex tippromwovi u tiffaċilita komunikazzjoni, edukazzjoni u attenzjoni pubblika, kif ukoll riċerka teknika u xjentifika u koperazzjoni, skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti relatati, ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-Ambjent u r-Regolamenti ta' l-2002 li jinkorporaw il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bioloġika.

A.L. 116 ta' l-2005.

A.L. 160 ta' l-2002.

PARTI XI

PERMESSI U PENALI

Permessi.

43. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ permess qabel:

(a) it-teħid u, jew ż-żamma ta' xi eżemplari,

(b) l-introduzzjoni u, jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' speċi,

(ċ) l-importazzjoni u, jew l-esportazzjoni ta' xi eżemplari jew speċi,

(d) studji xjentifiċi *bona fide*,

(e) studji edukattivi *bona fide*,

(f) mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' Parti III ta' dawn ir-regolamenti, kull operazzjoni jew attività suġġett ta' dawn ir-regolamenti,

Iżda li l-Awtorità Kompetenti ma għandhiex toħroġ permess jekk tali attivitajiet jipperikolaw xi eżemplari, sit protett, siti jew speċi ta' importanza nazzjonali u ta' importanza internazzjonali jew għall-biodiversità ta' Malta.

Derogi.

44. B'żieda mar-regolament 43, l-Awtorità Kompetenti tista' tidderoga mill-provvedimenti tal-Parti VI, u, jew IV ta' dawn ir-regolamenti dwar l-ispeċi indikati fi Skedi V u VII biss, kemm-il darba ma jkunx hemm alternattiva sodisfaċenti u deroga minn dawn ir-regolamenti ma tkunx ta' detriment għall-manteniment ta' l-ispeċi konċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-medda naturali, u tagħti permess:

(a) fl-interess li jiġu protetti l-fawna u l-flora selvaġġ u biex jiġu konservati l-ambjenti naturali;

(b) biex tiġi prevenuta ħsara serja, b'mod partikolari għall-miżrugħ, annimali, foresti, u ilma u tipi oħra ta' proprjetà;

(ċ) fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew għall-raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, inklużi dawk ta' natura soċjali jew ekonomika, u konsegwenzi tajba ta' importanza primarja għall-ambjent; jew

(d) għall-iskop ta' riċerka u edukazzjoni, biex jerġgħu jitkattru jew jiġu ntrodotti mill-ġdid dawk l-ispeċi kif ukoll minħabba operazzjonijiet ta' tkattir meħtieġa għal dan il-għan, inkluż it-tkattir artifiċjali ta' pjanti; jew

(e) tippermetti, taħt kundizzjonijiet stretti, fuq bażi selettiva u limitatament, it-teħid jew iż-żamma ta' ċertu eżemplari ta' l-ispeċi indikati fi Skeda IV(a) u V(a) ta' dawn ir-regolamenti, f'ammonti limitati kif speċifikat mill-Awtorità Kompetenti.

Kriterji ta' l-applikazzjoni.

45. (1) Il-persuna li titlob permess għall-attivatjiet imsemmija fir-regolamenti 43 u 44, hawn aktar l-isfel imsejjaħ l-applikant, għandu jippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti qabel ma jagħmel tali attivitajiet.

(2) Sabiex l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tivvaluta talba għall-permess, l-applikazzjoni:

(a) għandha tkun akkumpanjata bid-dokumenti rilevanti u kull informazzjoni oħra meħtieġa kif speċifikat jew rikjest mill-Awtorità Kompetenti;

(b) għandu jkun indikat jekk l-applikazzjoni taqax taħt xi waħda minn dawn il-kriterji:

- l-attività hija diġà soġġetta għall-applikazzjoni għal permess, *clearance* jew liċenza taħt l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent jew l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, liema applikazzjoni tkun għadha qiegħda tiġi pproċessata, emendata, ikkunsidrata mill-ġdid jew tkun taħt appell skond il-provvedimenti ta' wieħed minn dawn l-Atti;

- tippreġudika l-mertu ta' dan l-ipproċessar, konsiderazzjoni mill-ġdid jew appell;

- tippreġudika l-mertu ta' talba għal *clearance* jew liċenza meħtieġa taħt wieħed mill-Atti hawn imsemmija, jew tippreġudika l-appell minn tali deċiżjoni;

- tkun kontra il-provvedimenti tar-regolament 44;

- tippreġudika xi każ ta' infurzar, kawża l-Qorti, jew każ li għadu *sub-judice*.

Provvedimenti supplimentari.

46. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' temenda, tissosspendi jew tħassar xi permess u, jew strumenti oħra ta' awtorizzazzjoni bħal dawk għall-attivitajiet li huma konsistenti ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull meta l-Awtorità Kompetenti toħroġ xi permess, hija tista' timponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni.

(3) Kull meta l-Awtorità Kompetenti tirrifjuta tali permess, hi għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għal tali rifjut.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet u kundizzjonijiet oħra stipulati mill-Awtorità Kompetenti, id-detentur ta'

permess huwa obbligat li jissottometti fi żmien xahar mill-iskadenza tal-permess jew fit-tmiem tas-sena kalendarja, liema tiġi l-ewwel:

(a) rapport dettaljat ta' l-attivitajiet magħmula;

(b) l-għan u liema qasam ta' xogħol jew attività jkunu twettqu;

(ċ) il-metodoloġija wżata;

(d) l-eżitu u riżultati miksuba in konnessjoni mal-permess.

(5) Kopja ta' xi riżultati pubblikati u pubblikazzjonijiet oħra rilevanti għal dan il-permess għandu jasal għand l-Awtorità Kompetenti sa żmien tlett xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

(6) Il-perjodu ta' validità ta' dak il-permess għandu jiġi wkoll stabbilit fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, iżda l-validità tal-permess ma għandhiex teċċedi sena kalendarja.

(7) L-Awtorità Kompetenti ma għandhiex toħroġ jew iġġedded xi permess jekk l-applikant in kwistjoni ma jkunx osserva jew onora xi kundizzjoni jew obbligazzjoni li toriġina minn xi permess ieħor maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt dawn ir-regolamenti u, jew ir-regolamenti relatati.

(8) Id-Direttur jista', għan-nom ta' l-Awtorità Kompetenti, f'każijiet ta' emerġenza jew periklu gravi, joħroġ permess temporanju għal xi attività elenkata fir-regolamenti 43 u 44, u, meta jagħmel dan huwa jista' jagħti kull tali direttiva li jidhirlu xieraq.

Reġistru pubbliku.

47. Dettalji ta' persuni, entitajiet pubbliċi w istituzzjonijiet oħra li jkunu ngħataw permess in konnessjoni ma' dawn ir-regolamenti flimkien mad-dettalji imposti f'tali permessi għandhom jinżammu f'reġistru aċċessibbli għal spezzjoni pubblika jew li jkun miżmum f'forma elettronika.

Informazzjoni kunfidenzjali.

A.L. 116 ta' l-2005.

48. (1) Fejn it-tagħrif jaffetwa waħda jew aktar mill-oġġetti msemmija fir-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, l-applikant jista' jindika l-informazzjoni ppreżentata fl-applikazzjoni għall-permess għall-fini ta' dawn ir-regolamenti bħala kunfidenzjali. Ġustifikazzjoni verifikabbli għandha tingħata f'tali każijiet.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni ma' l-applikant, liema informazzjoni għandha tinżamm kunfidenzjali u għandha tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha.

(3) F'ebda każ ma tista' l-informazzjoni li ssegwi tinżamm kunfidenzjali:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant,

(b) l-istituzzjoni, jekk ikun hemm, li tirrikjedi l-permess,

(ċ) l-ispeċi, *biotope*, ambjent naturali, sit, area jew żona ta' konservazzjoni speċjali involuta,

(d) l-għan u skop ta' l-applikazzjoni,

(e) il-benefiċċji li joriġinaw mill-permess,

(f) l-impatti possibbli fuq il-biodiversità lokali, inkluż l-ispeċi, *biotope*, ambjent naturali, jew l-inħawi involuti,

(ġ) l-evalwazzjoni ta' effetti previsti, b'mod partikolari kwalunkwè effett ta' ħsara fuq l-ambjent.

(4) L-Awtorità Kompetenti ma għandhiex tgħarraf lil terzi b' xi informazzjoni li jkun ġie deċiż li hi kunfidenzjali skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, u għandha tipproteġi drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatata ma' l-informazzjoni riċevuta.

(5) Jekk, għal xi raġuni jew oħra, l-applikant jirtira l-applikazzjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha tirrispetta l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni ppreżentata.

Reati u pieni.

49. (1) Kull persuna -

(a) li tonqos li tosserva d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni leġittima oħra mogħtija bis-saħħa ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(b) li tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew bżonn imposti b'dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom, jew

(ċ) li tonqos li tosserva xi kundizzjoni ta' xi permess jew kunsens mogħti taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew

(d) li taġixxi in kontravenzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(e) li jagħmel dikjarazzjoni jew iforni informazzjoni jew dokumenti, li jaf li jkunu foloz, u dan biex jottjeni l-approvazzjoni għall-permess jew deroga skond il-provvedimenti tal-Parti III, VI u, jew tar-regolament 43 ta' dawn ir-regolamenti, jew

(f) li tiftiehem, jew tipprova tiftiehem, tgħin jew tipprova tgħin, tħajjar jew tipprova tħajjar, tagħti parir jew tipprova tagħti parir, tqabbad jew tipprova tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew li tonqos li tosserva xi waħda minn dawn id-disposizzjonijiet inkluża xi ordni leġittima mogħtija bis-saħħa ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kull min jagħmel, jew jipprova jagħmel xi reat kontra r-regolamenti 24, 25, 26, 28 u 29 ta' dawn ir-regolamenti jista' meta jinstab ħati, jeħel:–

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn Lm200 għal kull eżemplari, iżda mhux iżjed minn Lm1,000 għal kull eżemplari;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn Lm500 għal kull eżemplari, iżda mhux iżjed minn Lm2,000 għal kull eżemplari, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda dawk il-multi flimkien ma għandhomx ikunu jeċċedu l-limiti imposti mill-Att. Kap. 9.

(3) Kull min jagħmel, jew jipprova jagħmel xi reat kontra r-regolamenti 19, 36, 43 u s-subregolament (3) tar-regolament 48 ta' dawn ir-regolamenti jista', meta jinstab ħati, jeħel:-

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn Lm1,000 iżda mhux iżjed minn Lm10,000;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn Lm2,000, iżda mhux iżjed minn Lm20,000, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Kull minn jagħmel, jew jipprova jagħmel xi reat kontra ir-regolament 14, jista, meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux anqas minn Lm1,000 iżda mhux iżjed minn Lm25,000, u jekk ikompli bl-azzjoni tiegħu għal aktar minn tlett xhur, għal priġunerija għal żmien mhux anqas minn tlett xhur, iżda mhux iżjed minn sentejn, iżda f'kull każ il-multa li tiġi mposta ma tistax tkun anqas mill-valur tax-xogħol magħmul mingħajr il-permess jew bi ksur ta' xi kundizzjoni tal-permess.

(5) Il-Qorti għandha wkoll tordna li l-persuna misjuba ħatja tar-reat għandha tneħħi dak kollu li jkun sar bi ksur tal-liġi, kif ukoll dak kollu li sar mingħajr il-permess, fi żmien suffiċjenti biex dan ikun jista' jsir, liema żmien m'għandux jeċċedi l-perjodu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza, u jekk il-persuna misjuba ħatja tar-reat tonqos milli tagħmel dak ordnat lilha fiż-żmien mogħti lilha, hija għandha teħel multa ta' mhux anqas minn Lm25 iżda mhux iżjed minn Lm50, għal kull ġurnata li hija tkompli tonqos matul dan il-perjodu mogħti lilha.

(6) Kull persuna li tkun ġiet misjuba ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti, għandha tħallas ukoll l-ispejjeż inkorsi għaż-żamma u trasport ta' eżemplari, għar-rimedjar tal-ħsara kaġunata minn tali ksur, u għal kull spiża oħra inkorsa jew miżuri ta' mitigazzjoni rikjesti biex jirrimedjaw dak l-għemil, ħsara w ksur.

(7) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u tas-subartikolu (1) tal-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika miż-żamma jew l-akkwist ta' xi liċenza, permess jew awtorità ma għandha qatt tkun għal anqas minn sena.

(8) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċeduri għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jittieħdu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom isiru skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati imsemmija bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(9) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn xi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), fir-rigward ta' proċeduri għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

PARTI XII

DISPOSIZZJONIJIET OĦRA

Meta dawn ir-regolamenti ma japplikawx.

50. Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw f'każijiet ta' difiża u sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika u saħħa, operazzjonijiet ta' salvataġġ u l-investigazzjoni ta' reati.

Revoki ta' A.L. 49 ta' l-1993, A.L. 167 ta' l-2002 u A.L. 257 ta' l-2003.

51. Dawn ir-regolamenti qegħdin jitħassru:

(a) Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Protezzjoni tal-Flora u l-Fawna,

(b) Regolamenti ta' l-2002 dwar Mezzi ta' Qbid u Qtil (Projbiti),

(ċ) Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.

Skeda I

NATURAL HABITAT TYPES WHOSE CONSERVATION REQUIRES THE DESIGNATION OF SPECIAL AREAS OF CONSERVATION

Interpretation

- Guidance on the interpretation of habitat types is given in the 'Interpretation Manual of European Union Habitats' published by the European Commission[1].
- The code corresponds to the Natura 2000 code.
- The sign '*' indicates priority habitat types.

1. COASTAL AND HALOPHYTIC HABITATS

11. Open sea and tidal areas

1110 Sandbanks which are slightly covered by sea water all the time

1120 * *Posidonia* beds (*Posidonion oceanicae*)

1130 Estuaries

1140 Mudflats and sandflats not covered by seawater at low tide

1150 * Coastal lagoons

1160 Large shallow inlets and bays

1170 Reefs

1180 Submarine structures made by leaking gases

12. Sea cliffs and shingle or stony beaches

1210 Annual vegetation of drift lines

1220 Perennial vegetation of stony banks

1230 Vegetated sea cliffs of the Atlantic and Baltic Coasts

1240 Vegetated sea cliffs of the Mediterranean coasts with endemic *Limonium* spp.

1250 Vegetated sea cliffs with endemic flora of the Macaronesian coasts

13. Atlantic and continental salt marshes and salt meadows

1310 *Salicornia* and other annuals colonizing mud and sand

1320 *Spartina* swards (*Spartinion maritimae*)

---

[1] "Interpretation Manual of European Union Habitats", version EUR 15/2" adopted by the Habitats Committee on 4 October 1999 and "Amendments to the 'Interpretation Manual of European Union Habitats' with a view to EU enlargement" (Hab. 01/11b-rev. 1) adopted by the Habitats Committee on 24 April 2002 after written consultation, European Commission, DG ENV.

1330 Atlantic salt meadows (*Glauco-Puccinellietalia maritimae*)

1340 * Inland salt meadows

14. Mediterranean and thermo-Atlantic salt marshes and salt meadows

1410 Mediterranean salt meadows (*Juncetalia maritimi*)

1420 Mediterranean and thermo-Atlantic halophilous scrubs (*Sarcocornetea fruticosi*)

1430 Halo-nitrophilous scrubs (*Pegano-Salsoletea*)

15. Salt and gypsum inland steppes

1510 * Mediterranean salt steppes (*Limonietalia*)

1520 * Iberian gypsum vegetation (*Gypsophiletalia*)

1530 * Pannonic salt steppes and salt marshes

16. Boreal Baltic archipelago, coastal and landupheaval areas

1610 Baltic esker islands with sandy, rocky & shingle beach vegetation and sublittoral vegetation

1620 Boreal Baltic islets and small islands

1630 * Boreal Baltic coastal meadows

1640 Boreal Baltic sandy beaches with perennial vegetation

1650 Boreal Baltic narrow inlets

2. COASTAL SAND DUNES AND INLAND DUNES

21. Sea dunes of the Atlantic, North Sea and Baltic coasts

2110 Embryonic shifting dunes

2120 Shifting dunes along the shoreline with *Ammophila arenaria* ('white dunes')

2130 * Fixed coastal dunes with herbaceous vegetation ('grey dunes')

2140 * Decalcified fixed dunes with *Empetrum nigrum*

2150 * Atlantic decalcified fixed dunes (*Calluno-Ulicetea*)

2160 Dunes with *Hippophaë rhamnoides*

2170 Dunes with *Salix repens* ssp. *argentea (Salicion arenariae*)

2180 Wooded dunes of the Atlantic, Continental and Boreal region

2190 Humid dune slacks

21A0 Machairs (* in Ireland)

22. Sea dunes of the Mediterranean coast

2210 *Crucianellion maritimae* fixed beach dunes

2220 Dunes with *Euphorbia terracina*

2230 *Malcolmietalia* dune grasslands

2240 *Brachypodietalia* dune grasslands with annuals

2250 * Coastal dunes with *Juniperus* spp.

2260 *Cisto-Lavenduletalia* dune sclerophyllous scrubs

2270 * Wooded dunes with *Pinus pinea* and/or *Pinus pinaster*

23. Inland dunes, old and decalcified

2310 Dry sand heaths with *Calluna* and *Genista*

2320 Dry sand heaths with *Calluna* and *Empetrum nigrum*

2330 Inland dunes with open *Corynephorus* and *Agrostis* grasslands

2340 * Pannonic inland dunes

3. FRESHWATER HABITATS

31. Standing water

3110 Oligotrophic waters containing very few minerals of sandy plains (*Littorelletalia uniflorae*)

3120 Oligotrophic waters containing very few minerals generally on sandy soils of the West Mediterranean, with *Isoetes* spp.

3130 Oligotrophic to mesotrophic standing waters with vegetation of the *Littorelletea uniflorae* and/or of the *Isoëto-Nanojuncetea*

3140 Hard oligo-mesotrophic waters with benthic vegetation of *Chara* spp.

3150 Natural eutrophic lakes with *Magnopotamion* or *Hydrocharition*-type vegetation

3160 Natural dystrophic lakes and ponds

3170 * Mediterranean temporary ponds

3180 * Turloughs

3190 Lakes of gypsum karst

31A0 * Transylvanian hot-spring lotus beds

32. Running water – sections of water courses with natural or semi-natural dynamics (minor, average and major beds) where the water quality shows no significant deterioration

3210 Fennoscandian natural rivers

3220 Alpine rivers and the herbaceous vegetation along their banks

3230 Alpine rivers and their ligneous vegetation with *Myricaria germanica*

3240 Alpine rivers and their ligneous vegetation with *Salix elaeagnos*

3250 Constantly flowing Mediterranean rivers with *Glaucium flavum*

3260 Water courses of plain to montane levels with the *Ranunculion fluitantis* and *Callitricho-Batrachion* vegetation

3270 Rivers with muddy banks with *Chenopodion rubri* p.p. and *Bidention* p.p. vegetation

3280 Constantly flowing Mediterranean rivers with *Paspalo-Agrostidion* species and hanging curtains of *Salix* and *Populus alba*

3290 Intermittently flowing Mediterranean rivers of the *Paspalo-Agrostidion*

4. TEMPERATE HEATH AND SCRUB

4010 Northern Atlantic wet heaths with *Erica tetralix*

4020 * Temperate Atlantic wet heaths with *Erica ciliaris* and *Erica tetralix*

4030 European dry heaths

4040 * Dry Atlantic coastal heaths with *Erica vagans*

4050 * Endemic macaronesian heaths

4060 Alpine and Boreal heaths

4070 * Bushes with *Pinus mugo* and *Rhododendron hirsutum* (*Mugo- Rhododendretum hirsuti*)

4080 Sub-Arctic *Salix* spp. Scrub

4090 Endemic oro-Mediterranean heaths with gorse

40A0 * Subcontinental peri-Pannonic scrub

5. SCLEROPHYLLOUS SCRUB (MATORRAL)

51. Sub-Mediterranean and temperate scrub

5110 Stable xerothermophilous formations with *Buxus sempervirens* on rock slopes (*Berberidion* p.p.)

5120 Mountain *Cytisus purgans* formations

5130 *Juniperus communis* formations on heaths or calcareous grasslands

5140 * *Cistus palhinhae* formations on maritime wet heaths

52. Mediterranean arborescent matorral

5210 Arborescent matorral with *Juniperus* spp.

5220 * Arborescent matorral with *Zyziphus*

5230 * Arborescent matorral with *Laurus nobilis*

53. Thermo-Mediterranean and pre-steppe brush

5310 *Laurus nobilis* thickets

5320 Low formations of *Euphorbia* close to cliffs

5330 Thermo-Mediterranean and pre-desert scrub (including formations with *Euphorbia dendroides*, *Euphorbia melitensis*, *Chamaerops humilis*, *Periploca angustifolia* and *Ampelodesma mauritanica*)

54. Phrygana

5410 West Mediterranean cliff-top phryganas (*Astragalo-Plantaginetum subulatae*)

5420 *Sarcopoterium spinosum* phryganas

5430 Endemic phryganas of the *Euphorbio-Verbascion*

6. NATURAL AND SEMI-NATURAL GRASSLAND FORMATIONS

61. Natural grasslands

6110 * Rupicolous calcareous or basophilic grasslands of the *Alysso-Sedion albi*

6120 * Xeric sand calcareous grasslands

6130 Calaminarian grasslands of the *Violetalia calaminariae*

6140 Siliceous Pyrenean *Festuca eskia* grasslands

6150 Siliceous alpine and boreal grasslands

6160 Oro-Iberian *Festuca indigesta* grasslands

6170 Alpine and subalpine calcareous grasslands

6180 Macaronesian mesophile grasslands

6190 Rupicolous pannonic grasslands *(Stipo-Festucetalia pallentis)*

62. Semi-natural dry grasslands and scrubland facies

6210 Semi-natural dry grasslands and scrubland facies on calcareous substrates (*Festuco-Brometalia*) (* important orchid sites)

6220 * Pseudo-steppe with grasses and annuals of the *Thero-Brachypodietea*

6230 * Species-rich *Nardus* grasslands, on silicious substrates in mountain areas (and submountain areas in Continental Europe)

6240 * Sub-Pannonic steppic grasslands

6250 * Pannonic loess steppic grasslands

6260 * Pannonic sand steppes

6270 * Fennoscandian lowland species-rich dry to mesic grasslands

6280 * Nordic alvar and precambrian calcareous flatrocks

62A0 Eastern sub-Mediterranean dry grasslands *(Scorzoneratalia villosae)*

62B0 * Serpentinophilous grassland of Cyprus

63. Sclerophillous grazed forests (dehesas)

6310 Dehesas with evergreen *Quercus* spp.

64. Semi-natural tall-herb humid meadows

6410 *Molinia* meadows on calcareous, peaty or clayey-silt-laden soils (*Molinion caeruleae*)

6420 Mediterranean tall humid grasslands of the *Molinio-Holoschoenion*

6430 Hydrophilous tall herb fringe communities of plains and of the montane to alpine levels

6440 Alluvial meadows of river valleys of the *Cnidion dubii*

6450 Northern boreal alluvial meadows

6460 Peat grasslands of Troodos

65. Mesophile grasslands

6510 Lowland hay meadows (*Alopecurus pratensis*, *Sanguisorba officinalis*)

6520 Mountain hay meadows

6530 * Fennoscandian wooded meadows

7. RAISED BOGS AND MIRES AND FENS

71. Sphagnum acid bogs

7110 * Active raised bogs

7120 Degraded raised bogs still capable of natural regeneration

7130 Blanket bogs (* if active bog)

7140 Transition mires and quaking bogs

7150 Depressions on peat substrates of the *Rhynchosporion*

7160 Fennoscandian mineral-rich springs and springfens

72. Calcareous fens

7210 * Calcareous fens with *Cladium mariscus* and species of the *Caricion davallianae*

7220 * Petrifying springs with tufa formation (*Cratoneurion*)

7230 Alkaline fens

7240 * Alpine pioneer formations of the *Caricion bicoloris-atrofuscae*

73. Boreal mires

7310 * Aapa mires

7320 * Palsa mires

8. ROCKY HABITATS AND CAVES

81. Scree

8110 Siliceous scree of the montane to snow levels (*Androsacetalia alpinae and Galeopsietalia ladani)*

8120 Calcareous and calcshist screes of the montane to alpine levels (*Thlaspietea rotundifolii*)

8130 Western Mediterranean and thermophilous scree

8140 Eastern Mediterranean screes

8150 Medio-European upland siliceous screes

8160 * Medio-European calcareous scree of hill and montane levels

82. Rocky slopes with chasmophytic vegetation

8210 Calcareous rocky slopes with chasmophytic vegetation (including the Maltese *Rdum*, Cliff, Scree, Boulder and Cliff Plateau Communities)

8220 Siliceous rocky slopes with chasmophytic vegetation

8230 Siliceous rock with pioneer vegetation of the *Sedo-Scleranthion* or of the *Sedo albi-Veronicion dillenii*

8240 * Limestone pavements

83. Other rocky habitats

8310 Caves not open to the public

8320 Fields of lava and natural excavations

8330 Submerged or partially submerged sea caves

8340 Permanent glaciers

9. FORESTS

(Sub) natural woodland vegetation comprising native species forming forests of tall trees, with typical undergrowth, and meeting the following criteria: rare or residual, and/or hosting species of National Importance and of Importance to the Agreement States.

90. Forests of Boreal Europe

9010 * Western Taïga

9020 * Fennoscandian hemiboreal natural old broad-leaved deciduous forests (*Quercus, Tilia, Acer, Fraxinus or Ulmus*) rich in epiphytes

9030 * Natural forests of primary succession stages of landupheaval coast

9040 Nordic subalpine/subarctic forests with *Betula pubescens* ssp. *Czerepanovii*

9050 Fennoscandian herb-rich forests with *Picea abies*

9060 Coniferous forests on, or connected to, glaciofluvial eskers

9070 Fennoscandian wooded pastures

9080 * Fennoscandian deciduous swamp woods

91. Forests of Temperate Europe

9110 *Luzulo-Fagetum* beech forests

9120 Atlantic acidophilous beech forests with *Ilex* and sometimes also *Taxus* in the shrublayer *(Quercion robori-petraeae or Ilici-Fagenion)*

9130 *Asperulo-Fagetum* beech forests

9140 Medio-European subalpine beech woods with *Acer* and *Rumex arifolius*

9150 Medio-European limestone beech forests of the *Cephalanthero-Fagion*

9160 Sub-Atlantic and medio-European oak or oak-hornbeam forests of the *Carpinion betuli*

9170 *Galio-Carpinetum* oak-hornbeam forests

9180 * *Tilio-Acerion* forests of slopes, screes and ravines

9190 Old acidophilous oak woods with *Quercus robur* on sandy plains

91A0 Old sessile oak woods with *Ilex* and *Blechnum* in the British Isles

91B0 Thermophilous *Fraxinus angustifolia* woods

91C0 * Caledonian forest

91D0 * Bog woodland

91E0 * Alluvial forests with *Alnus glutinosa* and *Fraxinus excelsior* (*Alno-Padion, Alnion incanae, Salicion albae*)

91F0 Riparian mixed forests of *Quercus robur, Ulmus laevis* and *Ulmus minor*, *Fraxinus excelsior* or *Fraxinus angustifolia*, along the great rivers (*Ulmenion minoris*)

91G0 * Pannonic woods with *Quercus petraea* and *Carpinus betulus*

91H0 * Pannonian woods with *Quercus pubescens*

91I0 * Euro-Siberian steppic woods with *Quercus* spp.

91J0 * *Taxus baccata* woods of the British Isles

91K0 Illyrian *Fagus sylvatica* forests *(Aremonio-Fagion)*

91L0 Illyrian oak-hornbeam forests *(Erythronio-carpinion)*

91M0 Pannonian-Balkanic turkey oak –sessile oak forests

91N0 * Pannonic inland sand dune thicket *(Junipero-Populetum albae)*

91P0 Holy Cross fir forest *(Abietetum polonicum)*

91Q0 Western Carpathian calcicolous *Pinus sylvestris* forests

91R0 Dinaric dolomite Scots pine forests *(Genisto januensis-Pinetum)*

91T0 Central European lichen Scots pine forests

91U0 Sarmatic steppe pine forest

91V0 Dacian Beech forests *(Symphyto-Fagion)*

92. Mediterranean deciduous forests

9210 * Apeninne beech forests with *Taxus* and *Ilex*

9220 * Apennine beech forests with *Abies alba* and beech forests with *Abies nebrodensis*

9230 Galicio-Portuguese oak woods with *Quercus robur* and *Quercus pyrenaica*

9240 *Quercus faginea* and *Quercus canariensis* Iberian woods

9250 *Quercus trojana* woods

9260 *Castanea sativa* woods

9270 Hellenic beech forests with *Abies borisii-regis*

9280 *Quercus frainetto* woods

9290 *Cupressus* forests (*Acero-Cupression*)

92A0 *Salix alba* and *Populus alba* galleries

92B0 Riparian formations on intermittent Mediterranean water courses with *Rhododendron ponticum, Salix* and others

92C0 *Platanus orientalis* and *Liquidambar orientalis* woods (*Platanion orientalis*)

92D0 Southern riparian galleries and thickets (*Nerio-Tamaricetea* and *Securinegion tinctoriae*)

93. Mediterranean sclerophyllous forests

9310 Aegean *Quercus brachyphylla* woods

9320 *Olea* and *Ceratonia* forests

9330 *Quercus suber* forests

9340 *Quercus ilex* and *Quercus rotundifolia* forests (including Maltese forest remnants)

9350 *Quercus macrolepis* forests

9360 * Macaronesian laurel forests (*Laurus, Ocotea*)

